Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' April 2022
(OR. en)

7374/22

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0074(COD)**

EF 86
ECOFIN 245
CODEC 325

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 17 ta' April 2022 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2022) 120 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 909/2014 fir-rigward tad-dixxiplina tas-saldu, il-forniment transfruntier ta' servizzi, il-kooperazzjoni superviżorja, il-forniment ta' servizzi ancillari tat-tip bankarju u r-rekwiżiti għal depożitorji ċentrali tat-titoli ta' pajjiżi terzi |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 120 final.

Mehmuż: COM(2022) 120 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.3.2022
COM(2022) 120 final

2022/0074 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 909/2014 fir-rigward tad-dixxiplina tas-saldu, il-forniment transfruntier ta' servizzi, il-kooperazzjoni superviżorja, il-forniment ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju u r-rekwiżiti għal depożitorji ċentrali tat-titoli ta' pajjiżi terzi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2022) 160 final} - {SWD(2022) 75 final} - {SWD(2022) 76 final}

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli (CSD) joperaw l-infrastruttura li tippermetti s-saldu tat-titoli, jiġifieri t-tlestija ta' tranżazzjoni tat-titoli permezz tat-trasferiment ta' flus jew titoli, jew it-tnejn[1]. Is-CSDs għandhom rwol kruċjali fis-suq primarju, billi jiċċentralizzaw ir-reġistrazzjoni inizjali ta' titoli maħruġa ġodda ("servizz notarili"). Huma jżommu wkoll kontijiet tat-titoli li jirreġistraw l-għadd ta' titoli miżmuma u minn min, u jirreġistraw kull bidla fiż-żamma ta' dawk it-titoli ("servizz ta' manutenzjoni ċentrali"). Barra minn hekk, xi CSDs jipprovdu servizzi anċillari[2], inklużi servizzi bankarji.

Is-CSDs għandhom rwol essenzjali fil-finanzjament tal-ekonomija permezz tar-rwol tagħhom fil-ħruġ ta' titoli u billi jippermettu t-tlestija tat-tranżazzjonijiet tat-titoli. Is-CSDs għandhom ukoll rwol importanti fl-implimentazzjoni tal-politika monetarja mill-banek ċentrali. Pereżempju, kollateral eliġibbli għall-operazzjonijiet monetarji tal-bank ċentrali, speċjalment fiż-żona tal-euro, flussi permezz ta' sistemi ta' saldu tat-titoli operati mis-CSD. Attwalment hemm 26 CSD awtorizzat fl-UE. Fl-2019, is-sistemi ta' saldu tat-titoli tal-UE mmaniġġjaw aktar minn 420 miljun struzzjoni ta' konsenja li kienu jiswew aktar minn EUR 53 triljun ta' titoli, u li kienu jirrappreżentaw fatturat totali ta' aktar minn EUR 1 120 triljun[3].

Ir-Regolament tal-2014 dwar it-titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDR) fittex li jtejjeb is-sikurezza u l-effiċjenza tas-saldu kif ukoll li jipprovdi sett ta' rekwiżiti komuni għas-CSDs madwar l-UE. Filwaqt li s-CSDs kienu reżiljenti, inkluż fil-kriżi finanzjarja tal-2008, u kienu soġġetti għal regolamentazzjoni skont id-dritt nazzjonali u l-istandards internazzjonali, dawn ma kinux regolati b'mod konsistenti madwar l-Unjoni Ewropea (UE). Dan wassal għal differenzi fis-sikurezza tagħhom u żied it-tħassib dwar il-kundizzjonijiet ekwivalenti. Ir-regolamentazzjoni tas-CSDs kienet importanti wkoll biex jitlesta l-qafas regolatorju tal-infrastrutturi tas-suq tan-negozjar u ta' wara n-negozjar, b'segwitu għad-Direttiva dwar is-Suq fl-Istrumenti Finanzjarji (id-Direttiva 2004/39/KE[4]), li indirizzat il-postijiet ta' negozjar, u r-Regolament dwar l-

---

1 L-Artikolu 2(7) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012, ĠU L 257, 28.8.2014 (CSDR).

2 Dawn jinkludu l-forniment ta' kontijiet tal-flus, l-aċċettazzjoni ta' depożiti mill-parteċipanti għal sistema ta' saldu tat-titoli, il-forniment ta' kreditu fi flus, garanziji ta' servizzi ta' pagament. Servizzi anċillari oħra jinkludu l-ġestjoni ta' kollateral, iż-żamma tar-reġistri tal-azzjonisti, l-appoġġ ta' azzjonijiet korporattivi.

3 *Data* ġġenerata permezz tal-Bażi tad-*Data* tal-Istatistika dwar in-Negozjar, l-Ikklerjar u s-Saldu tat-Titoli, il-Bank Ċentrali Ewropew, https://sdw.ecb.europa.eu/browse.do?node=9691131

4 Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE, ĠU L 145, 30.4.2004. Il-MiFID kienet fis-seħħ sat-2 ta' Jannar 2018. Fil-preżent din hija parzjalment riformulata mal-MiFID2 (id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE, ĠU L 173, 12.6.2014) u parzjalment sostitwita bil-MiFIR (ir-Regolament (UE)

Infrastruttura tas-Swieq Ewropej (ir-Regolament (UE) Nru 648/2012[5]), li indirizzaw is-CCPs u r-repożitorji tat-tranżazzjonijiet. Barra minn hekk, approċċ regolatorju konsistenti għas-sistemi ta' saldu u l-proċessi ta' saldu kien importanti biex jikkomplementa u jiffaċilita t-Titoli Target2 (T2S)[6]. Is-CSDR kien ukoll ir-rispons tal-UE għas-sejħa tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB) fl-20 ta' Ottubru 2010[7], għal reviżjoni u titjib tal-istandards biex jiġu żgurati infrastrutturi tas-suq finanzjarju aktar robusti[8].

Is-CSD huma istituzzjonijiet finanzjarji ta' importanza sistemika għas-swieq finanzjarji, u għalhekk huwa essenzjali li l-qafas tagħhom jibqa' adattat għall-iskop tiegħu. Ir-rieżami regolari tas-CSDR huwa ġġustifikat biex jiżgura li jkompli jilħaq l-objettivi tiegħu filwaqt li, fejn possibbli, jagħmel il-qafas aktar proporzjonat u effettiv. Ir-rieżami tas-CSDR huwa azzjoni ewlenija fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) tal-2020[9] għall-iżvilupp ta' xenarju aktar effiċjenti ta' wara n-negozjar fl-UE. Swieq reżiljenti u effiċjenti għas-saldu fl-UE għandhom jintegraw aħjar ix-xenarju tal-infrastruttura ta' wara n-negozjar u jżidu l-kompetittività tas-CSDs tal-UE u tas-swieq finanzjarji tal-UE b'mod ġenerali.

L-Artikolu 75 tas-CSDR kien jeħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina u tħejji rapport li jivvaluta l-implimentazzjoni tar-Regolament u t-triq 'il quddiem għar-rieżami tiegħu sad-19 ta' Settembru 2019. Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar aktar żvilupp tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali,[10] stieden ukoll lill-Kummissjoni biex tirrieżamina r-reġim dixxiplinarju tas-saldu[11] skont is-CSDR fid-dawl tal-Brexit u l-kriżi tal-COVID-19. Għal dan l-għan, saret konsultazzjoni mmirata[12] bejn it-8 ta' Diċembru 2020 u t-2 ta' Frar 2021. Fl-1 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni adottat rapport[13]. F'termini wesgħin, hija kkonkludiet li s-CSDR qed jilħaq l-objettivi oriġinali tiegħu biex itejjeb l-effiċjenza tas-saldu fl-UE u s-solidità tas-CSDs. Għall-biċċa l-kbira tal-oqsma, tibdiliet sinifikanti għas-CSDR tqiesu bħala prematuri meta titqies l-applikazzjoni riċenti tar-rekwiżiti. Madankollu, ir-rapport identifika oqsma fejn tista' tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri biex jintlaħqu l-objettivi tas-CSDR b'mod aktar proporzjonat, effettiv u effiċjenti.

---

Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, ĠU L 173, 12.6.2014).

5 Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet, ĠU L 201, 27.7.2012.

6 https://www.ecb.europa.eu/paym/target/t2s/html/index.en.html.

7 https://www.fsb.org/wp-content/uploads/pr_101020.pdf.

8 https://www.bis.org/cpmi/publ/d101.htm.

9 Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji - pjan ta' azzjoni ġdid, COM(2020) 590, Azzjoni 13.

10 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar żvilupp ulterjuri tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU), (2020/2036, (INI)), ara l-paragrafu 21.

11 Ir-reġim dixxiplinarju tas-saldu għandu l-għan li jħeġġeġ lill-parteċipanti fis-suq biex jevitaw nuqqasijiet ta' saldu; iż-żewġ elementi prinċipali tiegħu huma l-miżuri biex jiġu evitati n-nuqqasijiet ta' saldu (l-Artikolu 6 tas-CSDR) u l-miżuri biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' saldu (l-Artikolu 7 tas-CSDR). Dawn tal-aħħar jinkludu tliet pilastri prinċipali; ir-rekwiżiti ta' rappurtar, il-penali pekunjarji u x-xiri sfurzat.

12 Konsultazzjoni mmirata tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami tar-regolament dwar it-titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli, https://ec.europa.eu/info/consultations/finance-2020-csdr-review_en

13 Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 75 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012, COM(2021) 348 final.

Minħabba l-bżonn li jiġu eliminati l-kostijiet u l-piżijiet sproporzjonati, u biex jiġu ssimplifikati regoli mingħajr ma l-istabbiltà finanzjarja titqiegħed f'riskju, ir-rieżami tas-CSDR ġie inkluż fil-programm tal-2021 tal-Kummissjoni dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT)[14].

**Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Is-CSDR huwa relatat ma' bosta biċċiet ta' leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż id-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu,[15] il-MiFID u l-MiFIR, kif ukoll għal dawk is-CSDs li ġew awtorizzati skont is-CSDR biex jipprovdu servizzi anċillari tat-tip bankarju, ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital,[16] id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital[17] u d-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni[18].

Il-proposti biex jiġi emendat is-CSDR huma konformi mal-pjan tal-Kummissjoni għal CMU[19]. L-għan tas-CMU huwa li tippermetti l-fluss tal-kapital madwar l-UE għall-benefiċċju tal-konsumaturi, tal-investituri u tal-kumpaniji. Il-kriżi tal-COVID-19 għamlitha aktar urġenti li jinkisbu riżultati fir-rigward tas-CMU peress li l-finanzjament ibbażat fuq is-suq huwa komponent essenzjali biex l-ekonomija Ewropea tirritorna għal tkabbir fit-tul u biex jiġu ffinanzjati t-tranżizzjonijiet ambjentali u diġitali tal-UE. Arranġamenti ta' wara n-negozjar sikuri u effiċjenti huma element essenzjali ta' swieq kapitali robusti. Il-bidliet leġiżlattivi proposti jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' xenarju aktar effiċjenti ta' wara n-negozjar fl-UE.

Is-CSDR huwa wkoll relatat mill-qrib mal-Pakkett dwar il-Finanzi Diġitali[20]. Huwa partikolarment relatat mal-proposta għal Regolament dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażat fuq teknoloġija ta' reġistru distribwit[21] (DLT). Skont dak ir-Regolament, is-sistemi ta' saldu DLT u s-sistemi ta' negozjar u ta' saldu DLT jistgħu jiġu eżentati milli jikkonformaw ma' ċerti dispożizzjonijiet tas-CSDR soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet bil-għan li tiġi stimulata l-innovazzjoni f'dan il-qasam, filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja. Il-ftehim politiku dwar dik il-proposta introduċa wkoll il-possibbiltà li jiġu posposti r-regoli tas-CSDR dwar xiri

[14] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2021 Unjoni ta' vitalità f'dinja ta' fraġilità, Anness I, COM(2020) 690 final.

[15] Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli, ĠU L 166, 11.6.1998.

[16] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, ĠU L 176, 27.6.2013.

[17] Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, ĠU L 176, 27.6.2013.

[18] Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 173, 12.6.2014.

[19] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji - Pjan ta' azzjoni ġdid, COM(2020) 590.

[20] https://ec.europa.eu/info/publications/200924-digital-finance-proposals_en.

[21] Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit - COM/2020/594 final.

sfurzat, biex ikunu jistgħu jsiru aktar riflessjonijiet fil-fond bħala parti mir-rieżami tas-CSDR[22]. Barra minn hekk, is-CSDR huwa relatat mal-proposta għal Regolament dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali tas-settur finanzjarju[23] li għandu l-għan li jiżgura li l-parteċipanti kollha fis-sistema finanzjarja, inklużi s-CSDs, ikollhom is-salvagwardji meħtieġa fis-seħħ biex itaffu l-attakki ċibernetiċi u r-riskji relatati tal-ICT.

L-infrastrutturi tas-suq, inklużi s-CSDs, kienu wkoll parti mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, is-saħħa u r-reżiljenza"[24]. Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi kif l-UE tista' ssaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha fl-oqsma makroekonomiċi u finanzjarji billi, b'mod partikolari iżda mhux biss, tkompli tiżviluppa l-infrastrutturi tas-suq finanzjarju tal-UE u żżid ir-reżiljenza tagħhom. Sistema b'saħħitha ta' saldu tal-UE kif regolata mis-CSDR hija b'hekk element importanti li jikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE fil-qasam tal-infrastruttura tas-swieq finanzjarji.

Fl-aħħar nett, din il-proposta hija konsistenti mal-ħidma li għaddejja fil-livell internazzjonali fil-qafas tal-FSB li għandha l-għan li, fost affarijiet oħra, tikseb applikazzjoni konsistenti tal-Prinċipji għal Infrastrutturi tas-Swieq Finanzjarji (PFMIs) żviluppati mill-Kumitat dwar l-Infrastruttura tal-Pagamenti u tas-Swieq (CPMI) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO).

**Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva għandha titqies fil-kuntest tal-aġenda usa' tal-Kummissjoni biex is-swieq tal-UE jsiru aktar kompetittivi u reżiljenti, kif irrappreżentat mill-inizjattivi diġitali u dwar l-awtonomija strateġika miftuħa tas-CMU. Arranġamenti ta' wara n-negozjar sikuri u effiċjenti huma element essenzjali ta' swieq kapitali robusti. Suq integrat u li jiffunzjona bis-sħiħ għall-kapital se jippermetti lill-ekonomija tal-UE tikber b'mod sostenibbli u tkun aktar kompetittiva, f'konformità mal-prijorità strateġika tal-Kummissjoni għal Ekonomija għas-Servizz tan-Nies, iffukata fuq il-ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajba għall-ħolqien tal-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment.

L-inizjattiva inkwistjoni ma għandha l-ebda impatt dirett u/jew identifikabbli li jwassal għal ħsara sinifikanti jew li jaffettwa l-konsistenza mal-objettivi tan-newtralità klimatika u mal-obbligi li jirriżultaw mil-Liġi Ewropea dwar il-Klima[25].

---

22 https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/MEX_21_6293

23 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju, COM/2020/595 final.

24 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, tas-saħħa u tar-reżiljenza", COM(2021) (32).

25 Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima"), ĠU L 243, 9.7.2021.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li huwa l-bażi ġuridika għas-CSDR. L-analiżi mwettqa bħala parti mir-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt tidentifika li jeħtieġ li jiġu emendati l-elementi tas-CSDR biex jiġu eliminati l-kostijiet u l-piżijiet ta' konformità sproporzjonati u biex jiġu ssimplifikati r-regoli mingħajr ma l-istabbiltà finanzjarja titqiegħed f'riskju biex tittejjeb l-effiċjenza tar-Regolament u tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tas-suq għas-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-objettivi tas-CSDR, jiġifieri li jiġu stabbiliti rekwiżiti uniformi għas-saldu ta' strumenti finanzjarji fl-UE, ir-regoli dwar l-organizzazzjoni u t-twettiq tas-CSDs u li jiġi promoss saldu sikur, effiċjenti u bla xkiel, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom, kif irrikonoxxew il-koleġiżlaturi fl-2014 meta adottaw is-CSDR.

Illum, l-Istati Membri u s-superviżuri nazzjonali ma jistgħux isolvu waħedhom l-isfidi tagħhom li jirriżultaw mir-rekwiżiti tas-CSDR onerużi u li ma humiex ċari, jew ir-riskji li jirriżultaw minn prattiki superviżorji nazzjonali diverġenti. Lanqas ma jistgħu jindirizzaw waħedhom ir-riskju għall-istabbiltà finanzjarja tal-UE li jista' joħloq in-nuqqas ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' CSDs ta' pajjiżi terzi. Bħala tali, l-objettivi ta' din l-inizjattiva ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala tal-azzjonijiet, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta għandha l-għan li tiżgura li l-objettivi tas-CSDR jintlaħqu b'mod aktar proporzjonat, effettiv u effiċjenti. Dan għandu jiġi kkonkretizzat f'rekwiżiti aktar sempliċi jew imnaqqsa li għandhom l-għan li jnaqqsu l-piż amministrattiv tar-Regolament fuq il-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari s-CSDs, mingħajr ma jipperikolaw il-protezzjoni tal-investituri, l-integrità tas-suq u l-istabbiltà finanzjarja. Billi tirrieżamina l-arranġamenti superviżorji għas-CSDs (b'mod partikolari dawk li joperaw b'mod transfruntier kif ukoll dawk li huma partijiet minn gruppi ta' CSDs), il-proposta tindirizza l-isfidi osservati fil-kisba ta' konverġenza superviżorja. Barra minn hekk, ir-rikalibrar ta' ċerti rekwiżiti fir-rigward tal-proċess tal-passaportar, il-forniment ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju u d-dixxiplina tas-saldu, jindirizza t-tħassib li tqajjem mill-partijiet ikkonċernati, inkluża l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), filwaqt li jissalvagwardja l-objettivi tas-CSDR. Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-objettivi, filwaqt li tqis il-ħtieġa li jiġi mmonitorjat u mmitigat kwalunkwe riskju li l-operazzjonijiet tas-CSDs, li joperaw minn ġewwa u minn barra l-UE, jistgħu joħolqu għall-istabbiltà finanzjarja. Il-proporzjonalità tal-għażliet politiċi preferuti hija vvalutata ulterjorment fil-Kapitolu 6 tal-Valutazzjoni tal-Impatt mehmuża.

- **Għażla tal-istrument**

Is-CSDR huwa Regolament u b'hekk jeħtieġ li jiġi emendat bi strument legali tal-istess natura.

## 3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Evalwazzjoni tas-CSDR ivvalutat sa liema punt ir-rekwiżiti speċifiċi tal-politika fis-CSDR issodisfaw l-objettivi tagħhom u b'mod partikolari jekk dawn ir-rekwiżiti għamlux hekk b'mod effiċjenti u effettiv, filwaqt li fl-istess ħin ikunu koerenti, rilevanti u jipprovdu valur miżjud tal-UE. Is-sejbiet tal-evalwazzjoni huma ppreżentati fl-Anness 5 tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

Minħabba li xi wħud mir-rekwiżiti ewlenin tas-CSDR saru applikabbli biss dan l-aħħar jew għadhom ma humiex applikabbli, il-valutazzjoni ma kinitx evalwazzjoni sħiħa.

Madankollu, l-evalwazzjoni kkonkludiet:

- L-effettività u l-effiċjenza: Filwaqt li l-volum ta' tranżazzjonijiet saldati żdied mid-dħul fis-seħħ tas-CSDR, it-tranżazzjonijiet transfruntieri baqgħu stabbli. F'bosta oqsma, eż. il-passaportar, jeżistu ostakli sinifikanti u sejbiet preliminari ssuġġerew li jistgħu jittieħdu azzjonijiet biex jitnaqqas il-piż regolatorju sproporzjonat u biex tittejjeb l-attività transfruntiera. Jista' jiġi mfittex ukoll titjib fl-oqsma tas-servizzi bankarji, peress li l-aċċess għal servizzi anċillari tat-tip bankarju huwa limitat li min-naħa tiegħu jimpedixxi s-saldu f'muniti barranin, u ta' arranġamenti superviżorji, li t-tnejn għandhom impatt fuq il-possibbiltajiet jew l-opportunitajiet biex is-CSDs joffru servizzi transfruntieri.

- Rilevanza: L-objettivi tas-CSDR li jiżdiedu s-sikurezza u l-effiċjenza tas-suq tas-saldu tal-UE u li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għas-servizzi tas-CSD jibqgħu rilevanti.

- Koerenza: Is-CSDR huwa allinjat mal-isforzi internazzjonali biex jiġu żgurati l-istabbiltà u s-sikurezza tal-infrastrutturi ta' wara n-negozjar. Is-CSDR huwa koerenti ma' biċċiet oħra ta' leġiżlazzjoni u inizjattivi ta' politika tal-UE.

- Valur miżjud tal-UE: Is-CSDR kopra lakuna li kienet teżisti fil-leġiżlazzjoni billi introduċa qafas ġdid li għandu l-għan li jindirizza, fi proċess uniformi fil-livell tal-UE, in-nuqqas ta' approċċ armonizzat lejn is-swieq tas-saldu tal-UE u fl-indirizzar tar-riskji sistemiċi relatati.

Minħabba l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati l-oqsma mmirati tas-CSDR u li dawn isiru aktar proporzjonati, kif evidenzjat mill-kontribuzzjonijiet għall-konsultazzjoni mmirata dwar is-CSDR u mir-rieżami tal-Kummissjoni tar-Regolament, ir-rieżami tas-CSDR huwa inizjattiva REFIT.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni kkonsultat lill-partijiet ikkonċernati matul il-proċess kollu ta' tħejjija ta' din il-proposta. B'mod partikolari:

- konsultazzjoni mmirata[26] bejn it-8 ta' Diċembru 2020 u t-2 ta' Frar 2021;
- konsultazzjoni dwar valutazzjoni tal-impatt tal-bidu[27] bejn it-8 ta' Marzu 2021 u l-5 ta' April 2021;
- żewġ laqgħat tal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri (it-22 ta' Settembru 2020 u l-15 ta' Lulju 2021) li għalihom ġew mistiedna wkoll il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), l-ESMA u s-segretarjat tal-kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew.

B'mod ġenerali, ġew appoġġati l-objettivi tas-CSDR biex tittejjeb l-effiċjenza tas-saldu fl-UE u tiġi żgurata s-solidità tas-CSDs. Ir-rekwiżiti ewlenin relatati tqiesu li qed jilħqu dawn l-objettivi, u li qed iwettqu l-impenji internazzjonali tal-UE għar-riforma regolatorja. Madankollu, il-partijiet ikkonċernati, inklużi r-rappreżentanti tal-Istati Membri, enfasizzaw għadd ta' oqsma fejn ir-rekwiżiti tas-CSDR jistgħu jiġu aġġustati mingħajr ma jiġu kompromessi l-objettivi ġenerali tiegħu sabiex: (i) tiġi ssimplifikata u tiżdied l-effiċjenza tar-rekwiżiti; u (ii) jitnaqqsu l-kostijiet u l-piżijiet sproporzjonati.

Il-proposta tqis dan ir-rispons tal-partijiet ikkonċernati, kif ukoll ir-rispons riċevut permezz ta' laqgħat ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati u mal-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet tal-UE. Hija tintroduċi emendi mmirati għas-CSDR immirati biex:

(a) jimminimizzaw l-ostakli għas-saldu transfruntier billi jissimplifikaw u jiċċaraw rekwiżiti ta' passaportar onerużi, tittejjeb il-kooperazzjoni bejn is-superviżuri u jiġi ffaċilitat l-aċċess għal servizzi anċillari tat-tip bankarju biex jiġi ffaċilitat is-saldu f'muniti barranin;

(b) jikkalibraw aħjar l-applikazzjoni ta' xi rekwiżiti (eż. dwar id-dixxiplina tas-saldu, is-servizzi anċillari tat-tip bankarju) biex jitnaqqas kemm il-piż amministrattiv kif ukoll il-kostijiet ta' konformità mingħajr ma tiġi pperikolata l-istabbiltà finanzjarja;

(c) jiżguraw li l-awtoritajiet fl-UE jkollhom setgħat u informazzjoni adegwati biex jimmonitorjaw ir-riskji fir-rigward kemm tas-CSDs tal-UE kif ukoll ta' dawk ta' pajjiżi terzi, inkluż billi jsaħħu l-kooperazzjoni superviżorja tagħhom.

[26] Għal ħarsa ġenerali lejn id-Dokument ta' Konsultazzjoni tal-Kummissjoni, il-kontribuzzjonijiet individwali u s-Sommarju tal-input riċevut ara "Targeted consultation on the review of the Regulation on improving securities settlement in the European Union and on central securities depositories", disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/info/consultations/finance-2020-csdr-review_en.

[27] Għall-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu u l-kummenti riċevuti ara: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12649-Central-securities-depositories-review-of-EU-rules_mt.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Fit-tħejjija ta' din il-proposta, il-Kummissjoni bbażat fuq għarfien espert estern:

– **Rapporti mill-ESMA:** Fl-2020 u fl-2021, l-ESMA ppreżentat erba' rapporti lill-Kummissjoni dwar is-saldu internalizzat,[28] il-forniment transfruntier ta' servizzi mis-CSDs u l-ġestjoni ta' applikazzjonijiet biex jiġu pprovduti servizzi notarili u ta' manutenzjoni ċentrali transfruntieri,[29] il-forniment ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju[30] u l-użu ta' FinTech mis-CSDs[31]. Dawn ir-rapporti qiesu wkoll it-tweġibiet għall-istħarriġiet tal-ESMA mill-awtoritajiet nazzjonali, mis-CSDs u mill-parteċipanti. Il-Kummissjoni qieset ukoll ir-Rapporti biannwali tal-ESMA dwar ix-xejriet, ir-riskji u l-vulnerabbiltajiet[32] fis-setturi tal-infrastruttura finanzjarja u tas-servizzi;

– **Input immirat mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ)** għall-konsultazzjoni tas-CSDR, inkluż eżitu anonimizzat u kkonsolidat ta' stħarriġ imwettaq fost is-CSDs.

Dan l-input ġie kkomplementat b'input kwantitattiv u kwalitattiv, xi drabi kunfidenzjali, mill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt tal-alternattivi ta' politika rilevanti. Ġew identifikati għażliet ta' politika abbażi tal-ħames fatturi li ġejjin: (i) rekwiżiti ta' passaportar onerużi u mhux ċari, (ii) koordinazzjoni u kooperazzjoni insuffiċjenti bejn l-awtoritajiet, (iii) rekwiżiti restrittivi għall-forniment ta' servizzi bankarji relatati mas-saldu f'muniti barranin, (iv) rekwiżiti mhux ċari u kkumplikati għad-dixxiplina tas-saldu u (v) informazzjoni insuffiċjenti dwar l-attivitajiet ta' CSDs ta' pajjiżi terzi fl-UE. L-għażliet ta' politika ġew ivvalutati skont l-objettivi speċifiċi li jitnaqqsu l-ostakli għas-saldu transfruntier, jitnaqqas il-piż amministrattiv kif ukoll il-kostijiet ta' konformità, mingħajr ma tiġi pperikolata l-istabbiltà finanzjarja u jiġu żgurati setgħat u informazzjoni adegwati għall-monitoraġġ tar-riskji.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt irċeviet opinjoni pożittiva b'kummenti tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fid-29 ta' Ottubru 2021 li għamel ir-rakkomandazzjonijiet prinċipali li ġejjin għat-titjib:

---

[28] Ir-Rapport tal-ESMA lill-Kummissjoni Ewropea, "CSDR Internalised Settlement", il-5 ta' Novembru 2020, ESMA70-156-3729.

[29] Ir-rapport tal-ESMA lill-Kummissjoni Ewropea, "Cross-border services and handling of applications under Article 23 of CSDR", ESMA70-156-3569, il-5 ta' Novembru 2020.

[30] Ir-Rapport tal-ESMA lill-Kummissjoni Ewropea, "Provision of banking-type ancillary services under CSDR", it-8 ta' Lulju 2021, ESMA70-156-4582.

[31] Ir-Rapport tal-ESMA lill-Kummissjoni Ewropea, "Use of FinTech by CSDs", it-2 ta' Awwissu 2021, ESMA70-156-4576.

[32] "ESMA Report on trends, risks and vulnerabilities", l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, ESMA-50-165-1287, Nru 2, 2020.

- Tiġi ċċarata l-interazzjoni bejn is-CSDR rivedut u l-Komunikazzjoni dwar "Is-sistema ekonomika u finanzjarja Ewropea: it-trawwim tal-ftuħ, is-saħħa u r-reżiljenza";

- Jiġi spjegat aħjar għaliex il-passaportar, prattika li tintuża b'suċċess f'ħafna oqsma oħra tal-liġi finanzjarja, ma tidhirx li taħdem f'dan is-segment;

- Tiġi spjegata l-analiżi li wasslet għall-introduzzjoni fl-2014 ta' xiri sfurzat bħala element tar-reġim dixxiplinarju tas-saldu, u kif il-valutazzjoni tal-Kummissjoni nbidlet minn dak iż-żmien;

- Jiġi ċċarat liema għażliet ta' politika huma komplementari u liema huma esklussivi b'mod reċiproku.

Il-kjarifiki mitluba ġew miżjuda fit-taqsimiet rilevanti tal-Valutazzjoni tal-Impatt, jiġifieri, fir-rigward tal-Komunikazzjoni dwar l-awtonomija strateġika miftuħa fit-taqsima 1.4.2, eżempji ta' rekwiżiti ta' passaportar onerużi ffaċċjati minn CSDs, li jxekklu l-forniment ta' servizzi transfruntieri fl-Anness 6, spjegazzjoni tal-oriġini tax-xiri sfurzat fit-Taqsima 2.2.2, u kjarifika dwar in-natura komplementari jew esklużiva b'mod reċiproku tal-għażliet ta' politika fit-Taqsima 6.

Abbażi tal-valutazzjoni u t-tqabbil tal-għażliet ta' politika kollha, il-Valutazzjoni tal-Impatt ikkonkludiet fuq l-għażliet ta' politika ppreferuti li ġejjin:

- Is-simplifikazzjoni tal-proċess ta' passaportar tas-CSDR billi titneħħa l-possibbiltà li s-superviżuri ospitanti jirrifjutaw il-passaport, u billi tiġi sostitwita b'notifika mis-superviżuri ta' domiċilju lis-superviżuri ospitanti. L-għażla politika ppreferuta timminimizza l-ostakli għas-saldu transfruntier u tnaqqas il-piż amministrattiv u l-kostijiet tal-konformità. Għażliet ta' politika oħrajn li ġew ivvalutati kienu t-tnaqqis tal-ambitu tar-rekwiżiti ta' passaportar għat-titoli ta' ekwità jew il-kjarifika tar-rwol u s-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti u r-rekwiżiti relatati mal-liġijiet nazzjonali. Madankollu, it-tnejn li huma jissodisfaw biss parzjalment l-objettivi.

- It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn is-superviżuri nazzjonali billi jiġu stabbiliti kulleġġi ta' superviżuri biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tas-CSDs għas-swieq għajr dak tal-awtorizzazzjoni tagħhom u tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja billi s-superviżuri jiġu pprovduti b'aktar setgħat biex jimmonitorjaw ir-riskji. Għażliet oħra kkunsidrati kienu jinkludu t-tisħiħ tar-regoli eżistenti tas-CSDR għall-arranġamenti ta' kooperazzjoni u l-introduzzjoni ta' aktar superviżjoni tas-CSDs fil-livell tal-UE. Madankollu, il-kulleġġi jiksbu l-bilanċ it-tajjeb bejn l-ilħuq tal-objettivi filwaqt li jirriflettu l-fatt li r-responsabbiltà superviżorja tibqa' tal-Istat Membru ta' domiċilju tas-CSDs.

- Jiġi ffaċilitat l-aċċess tas-CSDs għal servizzi anċillari tat-tip bankarju billi s-CSDs b'liċenzja bankarja jiġu permessi joffru tali servizzi lil CSDs oħra u jiġu rieżaminati l-limiti li taħthom is-CSDs jistgħu jużaw bank kummerċjali. Għażla oħra kkunsidrata kienet it-tneħħija tar-restrizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju lis-CSDs, madankollu, din ma ġietx ikkunsidrata peress li potenzjalment iżżid b'mod sinifikanti r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja.

- Taħlita ta' kjarifika ta' diversi elementi relatati mad-dixxiplina tas-saldu (eż. l-ambitu) u l-modifika tal-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tax-xiri sfurzat[33] ("approċċ f'żewġ stadji") hija l-aktar għażla effettiva u effiċjenti. L-implimentazzjoni ta' xiri sfurzat se tkun tiddependi fuq l-evoluzzjoni tal-effiċjenza tas-saldu fl-UE. L-ewwel nett, l-evidenza miġbura tissuġġerixxi li l-penali fi flus se jinċentivaw titjib fl-effiċjenza tas-saldu, mingħajr ma jipperikolaw l-istabbiltà u l-likwidità fis-swieq u fl-istrumenti finanzjarji. It-tieni, wara li jkunu ġew applikati penali fi flus, imbagħad ikun jista' jiġi vvalutat kif l-aħjar li jiġi applikat ix-xiri sfurzat fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-effiċjenza tas-saldu. L-għażla li jiġi sospiż il-qafas fl-intier tiegħu ma ġietx ikkunsidrata peress li n-nuqqasijiet ta' saldu fl-UE għadhom konsistentement ogħla milli fi swieq finanzjarji ewlenin oħrajn.

- Tiġi introdotta data tat-tmiem għall-klawżola ta' anterjorità għas-CSDs tal-UE u għal dawk ta' pajjiżi terzi[34] u rekwiżit ta' notifika għas-CSD ta' pajjiżi terzi. L-informazzjoni riċevuta tippermetti lill-Kummissjoni tipprijoritizza l-valutazzjoni tagħha tal-ekwivalenza tal-oqfsa tas-CSD ta' pajjiżi terzi, peress li l-għoti ta' ekwivalenza mill-Kummissjoni huwa kundizzjoni għar-rikonoxximent mill-ESMA ta' CSDs ta' pajjiżi terzi li jixtiequ joffru servizzi notarili u ta' żamma ċentrali fir-rigward ta' strumenti finanzjarji kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru. B'hekk, il-kombinazzjoni ta' dawn il-miżuri se tiżgura li l-awtoritajiet ikollhom setgħat adegwati u informazzjoni f'waqtha biex jimmonitorjaw ir-riskji f'konformità mal-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet tas-suq. Madankollu, l-emendi proposti ma jaffettwawx il-proċessi ta' ekwivalenza u ta' rikonoxximent li diġà huma applikabbli skont is-CSDR; b'hekk, il-pajjiżi terzi u s-CSDs ta' pajjiżi terzi applikanti potenzjali jibqgħu mistiedna jippreżentaw it-talbiet tagħhom għall-ekwivalenza u l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent rispettivament skont ir-rekwiżiti attwali tas-CSDR. Għażla oħra kkunsidrata kienet li jittejjeb ir-reġim għal CSDs ta' pajjiżi terzi li jipprovdu servizzi għal strumenti finanzjarji kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru billi, pereżempju, jintalab rikonoxximent mill-ESMA għall-forniment ta' servizzi ta' saldu jew billi jiżdiedu s-setgħat superviżorji tal-ESMA, iżda f'dan il-punt, dan tqies prematur u sproporzjonat.

- Il-pakkett ġenerali ta' għażliet se jkollu effett pożittiv fuq ix-xenarju ta' wara n-negozjar fl-UE billi jippermetti regolamentazzjoni aktar proporzjonata tas-CSDs, itejjeb l-effiċjenza tas-saldu tat-titoli u b'hekk jikkontribwixxi għall-kompetittività tas-swieq finanzjarji tal-UE.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

L-approċċ ġenerali huwa li jiġu proposti miżuri li huma meħtieġa fl-interess tal-integrazzjoni tas-suq u tal-istabbiltà finanzjarja filwaqt li jitnaqqas il-piż regolatorju u ta' konformità għall-parteċipanti fis-suq. Dan huwa konformi mal-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-

[33] Jekk tranżazzjoni tkun naqset milli ssalda fi tmiem perjodu preskritt, jinbeda proċess ta' xiri sfurzat mix-xerrej tat-titoli li jkun sfurzat jixtrihom xi mkien ieħor. Il-parti inadempjenti hija meħtieġa li tissodisfa kwalunkwe differenza fil-prezz bejn it-tranżazzjoni oriġinali u dik ġdida u l-kostijiet kollha tax-xiri sfurzat.

[34] Skont l-Artikolu 69(4) tas-CSDR sakemm l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u l-ESMA jkunu awtorizzaw jew irrikonoxxew u s-CSDs tal-UE jew ta' pajjiżi terzi rispettivament skont is-CSDR, ikomplu japplikaw ir-regoli nazzjonali dwar l-awtorizzazzjoni u r-rikonoxximent applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tas-CSDR.

Kummissjoni. L-għażliet miżmuma għandhom effett pożittiv, filwaqt li jiżguraw regolamentazzjoni aktar proporzjonata tas-CSDs u jsaħħu l-kompetittività tas-suq tas-saldu tal-UE kollu kemm hu.

Is-CSDs jibbenefikaw minn kostijiet imnaqqsa meta joperaw fl-UE, b'mod partikolari minħabba tnaqqis fl-ostakli għas-saldu transfruntier li jirriżultaw minn (i) l-istabbiliment ta' kulleġġi u (ii) is-simplifikazzjoni tal-proċedura attwali ta' passaportar. B'mod partikolari, it-tnaqqis tal-piżijiet assoċjati mar-rekwiżiti ta' passaportar jissimplifika u jaċċellera l-proċess. Il-proċess simplifikat ta' passaportar, li jinkludi notifika lill-awtoritajiet kompetenti ospitanti aktar milli approvazzjoni minnhom, huwa mistenni li jnaqqas il-kostijiet b'sa 75 %, li jiġġenera ffrankar ta' darba, bħala medja, ta' EUR 585 000 għal kull CSD. L-introduzzjoni tal-kulleġġi tkun ta' benefiċċju wkoll għas-CSDs tal-UE minħabba ċ-ċertezza legali li tirriżulta mit-titjib tal-konverġenza superviżorja. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' kulleġġi u ta' data tat-tmiem għall-klawżola ta' anterjorità ttejjeb l-istabbiltà finanzjarja fir-rigward tas-CSDs tal-UE u tas-CSDs ta' pajjiżi terzi.

Is-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti għall-aċċess ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju mis-CSDs, li hija meħtieġa sabiex isir saldu f'muniti barranin, iżżid ukoll il-kompetizzjoni f'dan il-qasam. F'dan ir-rigward, rieżami tal-limitu li taħtu s-CSDs jistgħu jużaw għal tali servizzi l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jippermettu lis-CSDs jiżviluppaw aktar is-servizzi tagħhom lill-investituri domestiċi u lil hinn mill-fruntieri. Huwa stmat li jista' jkun mistenni EUR 16-il biljun ta' saldu addizzjonali f'muniti barranin fuq bażi annwali bħala riżultat tal-bidliet proposti.

Is-simplifikazzjoni tal-proċedura ta' passaportar, il-ħolqien ta' kulleġġi obbligatorji u ż-żieda fil-forniment ta' servizzi bankarji relatati mas-saldu f'muniti barranin se jżidu l-kompetizzjoni bejn is-CSDs fl-UE, u b'hekk jibbenefikaw lill-investituri u lill-emittenti, inklużi l-SMEs. B'mod ġenerali, l-emittenti, b'mod partikolari n-negozji ġodda innovattivi u l-SMEs, u l-investituri, ikollhom aktar għażla f'termini ta' arranġamenti ta' finanzjament u jibbenefikaw miż-żieda fil-kompetizzjoni, għażla akbar fil-ħruġ, id-diversifikazzjoni tar-riskju u d-diversifikazzjoni tal-munita fl-investimenti transfruntieri tagħhom, u b'hekk jikkontribwixxu għall-approfondiment tas-CMU.

Fl-aħħar nett, il-bidliet proposti għar-reġim dixxiplinarju tas-saldu jiżguraw approċċ aktar proporzjonat għat-trattament tan-nuqqasijiet ta' saldu, filwaqt li jiżguraw li l-livelli ta' effiċjenza tas-saldu jkomplu jitjiebu fl-UE għall-benefiċċju tal-investituri u tal-ekonomija tal-UE kollha kemm hi. B'mod partikolari, l-approċċ f'żewġ stadji għandu jtaffi l-aktar impatti negattivi relatati mal-likwidità, fejn l-applikazzjoni tar-rekwiżiti rilevanti ma tkunx iġġustifikata. Dan għandu jkollu impatt pożittiv indirett fuq l-SMEs, li t-titoli tagħhom huma inqas likwidi.

Id-diġitalizzazzjoni u l-impatt ta' teknoloġiji ġodda fuq is-servizzi ta' wara l-kummerċ ma ġewx indirizzati f'din l-inizjattiva, peress li tqiesu li ma jaqgħux fl-ambitu. Il-konsultazzjoni mmirata li tappoġġa din l-inizjattiva indikat li l-partijiet ikkonċernati jippreferu jiġbru esperjenzi fl-applikazzjoni tar-Regolament dwar ir-reġim pilota tad-DLT qabel ma tiġi kkontemplata kwalunkwe bidla fis-CSDR. Fir-rapport tagħha dwar l-użu ta' FinTech mis-CSDs, l-ESMA wkoll ma appoġġatx emendi estensivi għas-CSDR f'dan il-mument sabiex tiffaċilita l-użu tal-innovazzjoni teknoloġika mis-CSDs, iżda pjuttost issuġġeriet li wieħed jistenna l-esperjenzi tar-reġim pilota tal-UE. Għalhekk ġie deċiż li kwalunkwe bidla

fundamentali għas-CSDR biex jiġi realizzat il-potenzjal sħiħ tat-teknoloġija se tiġi posposta sakemm ikunu jistgħu jittieħdu tagħlimiet mill-implimentazzjoni tar-Regolament dwar ir-reġim pilota tad-DLT.

- **Drittijiet fundamentali**

L-UE hija impenjata li tilħaq standards għoljin ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u hija firmatarja għal sett wiesa' ta' konvenzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem. F'dan il-kuntest, il-proposta aktarx li mhux se jkollha impatt dirett fuq dawn id-drittijiet, kif elenkati fil-konvenzjonijiet ewlenin tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-bniedem, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li hija parti integrali mit-Trattati tal-UE, u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta mhux se jkollha implikazzjonijiet għall-baġit tal-Unjoni.

L-ESMA tkun prinċipalment affettwata mill-parteċipazzjoni fil-kulleġġi, mill-iżvilupp jew mill-aġġornament ta' ħames standards tekniċi, u mill-ġestjoni tal-proċess għan-notifika minn CSDs ta' pajjiżi terzi tal-attivitajiet tagħhom tal-UE. Madankollu, il-ġestjoni tal-proċess għan-notifika tkun kost żgħir ta' darba. Madankollu, is-simplifikazzjoni tal-proċedura ta' passaportar ittaffi l-kostijiet tal-ESMA peress li r-rekwiżiti tal-passaportar ikunu aktar sempliċi u ċari. Barra minn hekk, determinazzjoni ċara tat-tranżazzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tar-reġim dixxiplinarju tas-saldu tnaqqas ukoll il-piż amministrattiv fuq l-ESMA relatat mat-tweġiba għal mistoqsijiet u t-tweġibiet. Barra minn hekk, l-adattament fil-perjodiċità tar-rapporti li l-ESMA hija meħtieġa tippreżenta lill-Kummissjoni se jkompli jnaqqas il-piż amministrattiv impost fuq l-Awtorità. L-ESMA tibbenefika wkoll minn xi wħud mill-għażliet politiċi ppreferuti li jsaħħu l-ambjent superviżorju, b'mod partikolari l-proċess ta' notifika għal CSDs ta' pajjiżi terzi.

Għalhekk, il-kompiti proposti għall-ESMA mhux se jkunu jeħtieġu l-istabbiliment ta' postijiet addizzjonali u jistgħu jitwettqu b'riżorsi eżistenti. L-istess jgħodd ukoll għall-EBA li se tkun meħtieġa tiżviluppa standard tekniku wieħed li jiddetermina l-limitu li taħtu s-CSDs jistgħu jużaw istituzzjonijiet ta' kreditu għall-forniment ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-proposta tinkludi rekwiżit li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tas-CSDR fl-intier tiegħu, b'enfasi fuq l-effettività u l-effiċjenza tiegħu biex jilħaq l-objettivi tiegħu (jiġifieri t-titjib tal-effiċjenza u s-sikurezza tas-swieq tas-saldu tal-UE). Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-aspetti kollha tas-CSDR, inkluż jekk hemmx ostakli sostantivi oħra għall-kompetizzjoni fir-rigward tas-servizzi soġġetti għal dan ir-Regolament li għandhom jiġu indirizzati, il-ħtieġa li jiġu applikati aktar miżuri biex tittejjeb l-effiċjenza tas-saldu, u l-ħtieġa potenzjali għal aktar miżuri biex jiġi limitat l-impatt fuq il-kontribwenti tal-falliment tas-CSDs.

Fil-prinċipju, din l-evalwazzjoni għandha ssir fi żmien ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi. Ikun meħtieġ ukoll input mill-ESMA kif ukoll mill-awtoritajiet nazzjonali u l-bank ċentrali. Id-*data* statistika għall-analiżi għandha tintalab mingħand l-ESMA.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

*5.2.1 Definizzjonijiet*

L-Artikolu 1(1) jintroduċi definizzjoni tal-kunċett ta' grupp ta' impriżi, f'konformità mad-definizzjoni fir-Regolament (UE) Nru 2019/2033.

*5.2.2 Reġim dixxiplinarju tas-saldu*

L-Artikolu 1(2) jintroduċi emendi għar-reġim dixxiplinarju tas-saldu.

Fil-punt (a), l-emendi għall-Artikolu 7(2) tas-CSDR jipprevedu li f'sitwazzjonijiet fejn nuqqas ta' saldu jkun ikkawżat minn fatturi mhux attribwibbli għall-parteċipanti għat-tranżazzjoni jew fejn tranżazzjoni ma tinvolvix żewġ partijiet tan-negozjar, tali falliment tas-saldu ma jkunx soġġett għall-mekkaniżmu ta' penali. Huwa jispeċifika wkoll li l-penali fi flus għandhom jiġu kkalkolati jew sa tmiem il-proċess tax-xiri sfurzat jekk il-Kummissjoni tkun adottat l-att ta' implimentazzjoni rilevanti, jew sad-data tas-saldu attwali, skont liema tiġi l-ewwel.

Il-punt (b) jintroduċi paragrafu 2a ġdid li skontu l-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni, skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 182/2011, li jiddeċiedi li japplika xiri sfurzat għal ċerti strumenti finanzjarji jew kategoriji ta' tranżazzjonijiet li xiri sfurzat obbligatorju għandu japplika. Il-Kummissjoni tista' tieħu dik id-deċiżjoni meta tqis li dawk il-miżuri jikkostitwixxu mezz proporzjonat biex jiġi indirizzat il-livell ta' nuqqas ta' saldu fl-Unjoni u li, abbażi tal-għadd u l-volum ta' nuqqasijiet ta' saldu, jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet stabbiliti f'dik id-dispożizzjoni.

Fil-punt (c), l-emenda għall-Artikolu 7(3) tas-CSDR tispeċifika meta għandu jinbeda l-proċess tax-xiri sfurzat fejn il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 7(2a) u l-perjodu ta' estensjoni għall-istrumenti finanzjarji nnegozjati f'suq tat-tkabbir tal-SMEs jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' jiem kalendarji.

Il-punt (d) jintroduċi paragrafu 3a ġdid fl-Artikolu 7 tas-CSDR biex jispjega kif se jaħdem il-mekkaniżmu ta' trasferiment. Mekkaniżmu ta' trasferiment se jipprevjeni kaskata ta' saldi li fallew, li kull waħda minnhom teħtieġ proċess ta' xiri sfurzat separat, billi tippermetti lil kull parteċipant fil-katina tat-tranżazzjonijiet jgħaddi notifika ta' xiri sfurzat lill-parteċipant inadempjenti b'tali mod li xiri sfurzat wieħed biss ikun meħtieġ biex tiġi solvuta l-katina kollha tat-tranżazzjonijiet. Dan il-mekkaniżmu ta' trasferiment imbagħad jista' jiġi rreplikat kuntrattwalment bejn il-parteċipanti u l-klijenti tagħhom sax-xerrejja u l-bejjiegħa finali.

Il-punt (e) jemenda l-Artikolu 7(4) tas-CSDR u jipprevedi li f'sitwazzjonijiet fejn nuqqas ta' saldu jkun ikkawżat minn fatturi mhux attribwibbli għall-parteċipanti għat-tranżazzjoni jew fejn tranżazzjoni ma tinvolvix żewġ partijiet tan-negozjar, tali falliment tas-saldu ma jkunx soġġett għall-mekkaniżmu ta' xiri sfurzat.

Il-punt (f) jemenda l-Artikolu 7(6) tas-CSDR u jintroduċi s-simmetrija tal-pagamenti bejn ix-xerrej u l-bejjiegħ f'każ li t-termini ekonomiċi tat-tranżazzjoni mal-eżekuzzjoni tax-xiri jkunu differenti mit-tranżazzjoni oriġinali. L-objettiv huwa li jiġi żgurat li x-xiri sfurzat jerġa' jġib lill-partijiet għat-tranżazzjoni għall-istess pożizzjoni ekonomika li kienu jkunu fiha kieku seħħet it-tranżazzjoni oriġinali.

Il-punt (g) jemenda l-Artikolu 7(11) tas-CSDR u jiċċara li l-eżenzjoni għar-rekwiżiti dixxiplinarju tas-saldu għas-CCPs tapplika biss meta s-CCP tidħol bejn il-kontropartijiet. Dan jiċċara wkoll li jekk is-CCPs iġarrbu telf mill-applikazzjoni ta' xiri sfurzat, fir-regoli tagħhom jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmu biex ikopru tali telf.

Il-punt (h) jintroduċi paragrafu 13a ġdid fl-Artikolu 7 tas-CSDR li jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tissospendi l-mekkaniżmu tax-xiri sfurzat għal kategoriji speċifiċi ta' strumenti finanzjarji fejn meħtieġ biex tiġi evitata jew indirizzata theddida serja għall-istabbiltà finanzjarja jew għall-funzjonament ordnat tas-swieq finanzjarji fl-Unjoni. Dan il-paragrafu 13a ġdid jistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi segwita mill-Kummissjoni għal tali sospensjoni, jiġifieri wara rakkomandazzjoni mill-ESMA wara li tikkonsulta lis-SEBĊ u lill-BERS. Huwa jispeċifika wkoll li tali sospensjoni għandha tkun valida għal perjodu massimu ta' sitt xhur, rinnovabbli b'perjodi ta' tliet xhur għal perjodu totali massimu ta' tnax-il xahar mill-bidu tas-sospensjoni.

Fil-punt (i), l-emendi għall-Artikolu 7(14) tas-CSDR jiċċaraw li l-att delegat tal-Kummissjoni li jispeċifika l-parametri għall-kalkolu ta' deterrent u ta' livell proporzjonat tal-penali fi flus għandu jqis l-effetti tar-rati tal-imgħax negattivi.

Il-punt (j) jintroduċi paragrafu 14a ġdid fl-Artikolu 7 tas-CSDR li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tispeċifika s-sitwazzjonijiet fejn nuqqas ta' saldu għandu jitqies bħala kkawżat minn fatturi mhux attribwibbli għall-parteċipanti u fejn tranżazzjoni ma tinvolvix żewġ partijiet kummerċjali, skont l-emendi introdotti fil-paragrafi 2 u 4 tal-Artikolu 7.

Il-punt (k) jemenda l-Artikolu 7(15) tas-CSDR u jintroduċi data ġdida sa meta l-ESMA għandha tippreżenta standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw dawk l-aspetti tar-reġim dixxiplinarju tas-saldu elenkati f'dak l-istess paragrafu. Din il-bidla fid-data għandha tippermetti lill-ESMA tirrevedi l-istandards tekniċi regolatorji biex tqis il-bidliet li saru lis-CSDR b'segwitu għal dan ir-rieżami u tagħmel kwalunkwe emenda meħtieġa bil-għan li tiċċara r-rekwiżiti stabbiliti f'tali standards tekniċi regolatorji, bħall-kundizzjonijiet li taħthom il-parteċipanti jistgħu jeżegwixxu x-xiri sfurzat tagħhom stess.

*5.2.3 Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet rilevanti, ir-rieżami u l-evalwazzjoni u l-irkupru u l-istrateġiji ta' stralċ ordnat.*

L-Artikolu 1(3) jemenda l-paragrafi (b) u (c) tal-Artikolu 12 tas-CSDR bil-għan li jiċċara li fejn CSD ma jagħmilx attività ta' saldu qabel il-bidu tal-proċess ta' awtorizzazzjoni, il-kriterji li jiddeterminaw liema awtoritajiet rilevanti għandhom ikunu involuti f'dak il-proċess għandhom iqisu l-attività antiċipata ta' saldu.

Il-punt (b) tal-Artikolu 1(4) jemenda l-Artikolu 17(4) tas-CSDR dwar il-konsultazzjoni tal-awtoritajiet rilevanti mill-awtoritajiet kompetenti rigward il-proċess ta' awtorizzazzjoni għal CSD. Fil-punt (e), l-Artikolu 1(6) jintroduċi emendi ekwivalenti għall-Artikolu 22(6) tas-

CSDR, dwar il-konsultazzjoni tal-awtoritajiet rilevanti mill-awtoritajiet kompetenti rigward il-proċess ta' rieżami u ta' evalwazzjoni. Il-bidliet fl-Artikoli 17(4) u 22(6) tas-CSDR jintroduċu proċess li bih l-awtoritajiet ikkonsultati jistgħu joħorġu opinjoni motivata fi żmien tliet xhur minn meta jirċievu l-informazzjoni mill-awtorità kompetenti. F'każ ta' opinjoni negattiva minn waħda mill-awtoritajiet rilevanti kkonsultati, l-awtorità kompetenti għandha tindirizza tali opinjoni negattiva f'deċiżjoni motivata, li tista' terġa' tkun soġġetta għal opinjoni negattiva mill-awtoritajiet ikkonsultati. Jekk l-awtorità kompetenti ma taqbilx ma' dik l-opinjoni negattiva, hija tinforma lil dawk l-awtoritajiet li jkunu oġġezzjonaw, u dawn l-awtoritajiet jistgħu jirreferu l-kwistjoni lill-ESMA. Jekk il-kwistjoni ma tiġix solvuta fi żmien 30 jum wara tali riferiment, l-awtorità kompetenti għandha tieħu d-deċiżjoni finali dwar ir-rieżami u l-evalwazzjoni u tipprovdi spjegazzjoni dettaljata tad-deċiżjoni tagħha bil-miktub lill-awtoritajiet rilevanti.

Il-punt (c) tal-Artikolu 1(4) idaħħal paragrafu ġdid (7a) fl-Artikolu 17 tas-CSDR biex jintroduċi rekwiżiti ġodda għall-awtoritajiet kompetenti biex jaqsmu informazzjoni ma' awtoritajiet oħra, b'mod partikolari awtoritajiet rilevanti.

L-Artikolu 1(5) jemenda l-Artikolu 20(5) tas-CSDR, u jiċċara li l-proċeduri li s-CSD irid ikollu fis-seħħ fil-każ ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu t-trasferiment tal-kontijiet tal-ħruġ u r-rekords miżmuma għall-forniment tas-servizzi ewlenin imsemmija fil-punti 1 u 2 tat-Taqsima A tal-Anness.

L-Artikolu 1(6) jemenda l-paragrafi 1, 4 u 7 tal-Artikolu 22 tas-CSDR bil-għan li jbiddel il-perjodiċità tal-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni, minn bażi annwali għal kull sentejn. Barra minn hekk, huwa jemenda l-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 22 tas-CSDR sabiex jiċċara kif is-CSDs għandhom iħejju ruħhom biex jiffaċċjaw xenarji li jistgħu potenzjalment jimpedixxuhom milli jkunu jistgħu jipprovdu l-operazzjonijiet u s-servizzi kritiċi tagħhom bħala negozju attiv. Ir-rekwiżit li jitfasslu pjanijiet ta' riżoluzzjoni jitneħħa peress li jitqies mhux ċar u bħalissa ma jeżisti l-ebda reġim ta' riżoluzzjoni tal-Unjoni li abbażi tiegħu jista' jiġi abbozzat pjan ta' riżoluzzjoni. Minflok, il-paragrafu 2 rivedut jirrikjedi li s-CSDs iħejju u jippreżentaw lill-awtorità kompetenti pjanijiet xierqa għall-irkupru jew għall-istralċ ordnat tagħhom. Il-paragrafu 3 rivedut jispeċifika l-kontenut minimu tal-pjanijiet imsemmija fil-paragrafu 2 kif ukoll il-perjodiċità għar-rieżami u l-aġġornament ta' tali pjanijiet (mill-inqas kull sentejn). Huwa jiċċara wkoll li tali pjanijiet għandhom iqisu d-daqs, l-importanza sistemika, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tas-CSD ikkonċernat u kwalunkwe pjan ta' rkupru jew riżoluzzjoni rilevanti stabbilit f'konformità mal-BRRD. Il-bidliet għall-paragrafu 3 ma jaffettwawx ir-rekwiżit biex l-awtoritajiet kompetenti jinformaw lill-ESMA meta pjan ta' riżoluzzjoni jiġi stabbilit u miżmum għal CSD. Dan jista' jkun il-każ minħabba l-leġiżlazzjoni nazzjonali jew ir-rekwiżit ta' konformità ma' biċċiet oħra tal-leġiżlazzjoni tal-UE bħall-BRRD.

Il-punt (c) tal-Artikolu 1(6) jemenda l-Artikolu 22(11) tas-CSDR billi jintroduċi data ġdida sa meta l-ESMA għandha tissottometti abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni biex tispeċifika formoli, mudelli u proċeduri standard għar-rieżami u l-evalwazzjoni. Din il-bidla fid-data għandha tippermetti lill-ESMA tadatta, fejn meħtieġ, l-istandards tekniċi regolatorji għall-bidliet li saru lis-CSDR wara din l-inizjattiva.

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 1(18) jemenda l-Artikolu 55 tas-CSDR sabiex tiġi estiża l-iskadenza li fiha l-awtoritajiet rilevanti u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħorġu opinjoni motivata

dwar l-awtorizzazzjoni biex jipprovdu servizzi anċillari tat-tip bankarju minn xahar sa xahrejn. Tabilħaqq, l-iskadenza ta' xahar hija qasira wisq għall-ħruġ ta' tali opinjoni.

*5.2.4 Reġim ta' passaportar u l-liġi korporattiva jew simili tal-Istat Membru li fiha huma kkostitwiti t-titoli*

L-Artikolu 1(15) jemenda t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 49(1) tas-CSDR bil-għan li jiċċara li l-liġi korporattiva jew liġi simili tal-Istat Membru li taħtha huma kkostitwiti t-titoli u li għandha tkompli tapplika fil-kuntest tal-ħruġ transfruntier tat-titoli tinkludi kemm: (i) il-liġi korporattiva jew dik simili tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit l-emittent u (ii) fejn tkun differenti, il-liġi korporattiva regolatorja jew liġi simili li taħtha jinħarġu t-titoli. Dan ikopri b'mod partikolari l-każ ta' bonds maħruġa minn emittent li jinsab fi Stat Membru wieħed iżda kuntrattwalment soġġett għal-liġi ta' Stat Membru ieħor. L-Artikolu 1(15) jemenda wkoll it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 49(3) tas-CSDR biex jinkludi rekwiżit għall-Istati Membri biex jaġġornaw il-lista ta' dispożizzjonijiet rilevanti fuq bażi regolari.

L-Artikolu 1(7) jemenda l-Artikolu 23 tas-CSDR sabiex jiġu ċċarati l-aspetti li ġejjin tal-proċess tal-passaportar.

L-ewwel nett, huwa jadatta l-kontroreferenza għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 49(1), fil-paragrafi (2) u (3) tal-Artikolu 23, b'tali mod li CSD li jkun jixtieq jipprovdi servizzi notarili jew ta' żamma ċentrali fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor għandu jqis kemm il-liġi tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-emittent u, fejn tkun differenti, il-liġi korporattiva regolatorja jew dik simili li taħtha jinħarġu t-titoli.

It-tieni, huwa jemenda l-Artikolu 23(2) tas-CSDR biex jippermetti lil CSDs ġodda jipproċedu b'talba ta' passaportar b'mod parallel ma' applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni, sabiex ikunu jistgħu jibdew l-attività transfruntiera tagħhom mid-data tal-awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti ta' domiċilju tagħhom, diment li jkun għadda mill-inqas xahar wieħed mid-data tal-komunikazzjoni tat-talba għall-passaportar mill-awtorità kompetenti ta' domiċilju tal-awtorità kompetenti ta' domiċilju.

It-tielet, huwa jemenda l-Artikolu 23(3), il-punt (e) tas-CSDR biex jiċċara li CSD li jitlob passaport għandu dejjem jipprovdi valutazzjoni tal-miżuri li jkun biħsiebu jieħu biex jippermetti lill-utenti tiegħu jikkonformaw mal-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 49(1).

Ir-raba', huwa jemenda l-Artikolu 23(4) tas-CSDR, biex iqassar il-perjodu ta' żmien li fih awtorità kompetenti tal-pajjiż ta' domiċilju għandha tikkomunika t-talba ta' passaportar lill-awtorità kompetenti ospitanti.

Il-ħames, huwa jemenda l-Artikolu 23(6) billi jneħħi l-possibbiltà li awtorità kompetenti ospitanti tirrifjuta talba ta' passaportar. Skont id-dispożizzjoni riveduta, is-CSD jista' jibda jipprovdi servizzi wara xahar mid-data tal-komunikazzjoni tat-talba ta' passaportar mill-awtorità kompetenti ta' domiċilju lill-awtorità kompetenti ospitanti, jew aktar kmieni jekk ikun miftiehem mill-awtorità kompetenti ospitanti.

*5.2.5 Kulleġġi tas-superviżuri*

L-Artikolu 1(9) jintroduċi l-Artikolu 24a fis-CSDR bħala parti minn Taqsima 4a ġdida fit-Titolu III dwar il-kooperazzjoni tal-awtoritajiet permezz tal-kulleġġi, li tirrikjedi l-istabbiliment ta' kulleġġi tas-superviżuri f'żewġ każijiet:

(a) meta CSD ikun soġġett għall-proċedura ta' passaportar tal-Artikolu 23(3) sa (7), jiġifieri l-hekk imsejjaħ "kulleġġ ta' passaportar"; jew

(b) meta CSD ikun parti minn grupp korporattiv li jinkludi żewġ CSDs jew aktar awtorizzati f'mill-inqas żewġ Stati Membri, jiġifieri l-hekk imsejjaħ "kulleġġ fil-livell tal-grupp".

Meta CSD soġġett għall-proċedura ta' passaportar tal-Artikolu 23(3) sa (7) ikun ukoll parti minn grupp korporattiv li jinkludi mill-inqas CSD ieħor, għandu jkun possibbli li jiġi stabbilit kulleġġ wieħed biss għal dak is-CSD minflok żewġ kulleġġi separati (jiġifieri kulleġġ separat tal-passaportar u kulleġġ separat fil-livell tal-grupp), biex jiġu żgurati sinerġiji u jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn fuq l-awtoritajiet involuti.

L-istabbiliment ta' kulleġġ wieħed biss għandu jkun possibbli wkoll meta s-CSDs l-oħrajn fi ħdan il-grupp ikunu soġġetti għall-proċedura ta' passaportar, biex tiġi evitata sitwazzjoni fejn ikun hemm diversi kulleġġi ta' passaportar u kulleġġ separat fil-livell tal-grupp għas-CSDs li jkunu parti mill-istess grupp u li, f'ħafna każijiet, ikollhom proċeduri komuni, jikkondividu r-riżorsi, valutazzjonijiet tal-miżuri li jkunu daħħlu fis-seħħ biex jiżguraw il-konformità mal-liġijiet tal-Istati Membri ospitanti fejn jipprovdu servizzi transfruntieri, eċċ. Madankollu, fejn dawk is-CSDs l-oħrajn fi ħdan il-grupp ikunu soġġetti wkoll għall-proċedura ta' passaportar, l-istabbiliment ta' kulleġġ wieħed biss għall-grupp kollu għandu jkun possibbli biss bil-qbil tal-awtoritajiet kompetenti ta' dawk is-CSDs.

Barra minn hekk, l-Artikolu 24a jistabbilixxi r-regoli dwar id-determinazzjoni tal-President speċjalment għall-kulleġġ fil-livell tal-grupp, il-kompożizzjoni tal-kulleġġi u l-kompiti tagħhom biex jiġi żgurat approċċ superviżorju koerenti madwar l-UE. L-ESMA għandha s-setgħa li tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-arranġamenti prattiċi għall-operat tal-kulleġġi.

Fl-aħħar nett, jiġu introdotti emendi fir-Regolament kollu biex jiġi żgurat li l-kulleġġi jiġu informati b'deċiżjonijiet importanti meħuda fir-rigward tas-CSDs (jiġifieri emendi għall-Artikolu 22(7), il-paragrafi (4), (5) u (7) tal-Artikolu 23, il-paragrafi (1) u (5) tal-Artikolu 24, il-paragrafi (1) u (2) tal-Artikolu 60 tas-CSDR.)

*5.2.6 CSDs ta' pajjiżi terzi u t-tmiem tal-klawżola ta' anterjorità*

L-Artikolu 1(10) jemenda l-Artikolu 25 tas-CSDR li jistabbilixxi l-qafas għas-CSDs ta' pajjiżi terzi. Il-punt (a) jintroduċi rekwiżit għas-CSDs li jkollu l-ħsieb li jipprovdi servizzi ta' saldu fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru biex jippreżenta notifika lill-ESMA, u b'hekk jindirizza n-nuqqas ta' informazzjoni f'dan ir-rigward kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE. Il-punt (c) jagħti s-setgħa lill-ESMA biex tabbozza standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-informazzjoni li s-CSD ta' pajjiż terz għandu jipprovdi lill-ESMA f'dik in-notifika, jispeċifika li tali informazzjoni għandha tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ u tipprovdi lista ta' eżempji.

Il-punt (b) tal-Artikolu 1(10) jemenda l-ħames subparagrafu tal-Artikolu 25(6) li jispeċifika li l-ESMA għandha tinforma lis-CSD tal-pajjiż terz li jkun qed japplika għar-rikonoxximent biex jipprovdi servizzi notarili jew ta' manutenzjoni ċentrali bil-miktub b'deċiżjoni motivata bis-sħiħ dwar jekk ir-rikonoxximent ikunx ingħata jew ġiex miċħud fi żmien sitt xhur mill-aħħar data bejn il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni kompluta u l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ekwivalenza mill-Kummissjoni.

L-Artikolu 1(23) jemenda l-Artikolu 69(4) tas-CSDR billi jintroduċi data tat-tmiem għall-klawżola ta' anterjorità kemm għas-CSDs tal-UE kif ukoll għal dawk ta' pajjiżi terzi. B'mod aktar speċifiku, il-punt (a) jemenda l-Artikolu 69(4) billi jistabbilixxi li d-data tat-tmiem għall-klawżola ta' anterjorità għas-CSDs tal-UE li għandha tkun sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-punt (b) jintroduċi paragrafu 4a ġdid li jistabbilixxi data tat-tmiem għall-klawżola ta' anterjorità għas-CSDs ta' pajjiżi terzi, li għandha tkun ta' tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament minħabba l-proċess tal-ekwivalenza u l-proċess ta' rikonoxximent. Barra minn hekk, is-CSDs ta' pajjiżi terzi li jibbenefikaw mill-klawżola ta' anterjorità għandhom ikunu meħtieġa jippreżentaw notifika lill-ESMA meta joffru servizzi notarili u ta' manutenzjoni ċentrali fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru biex jindirizza n-nuqqas ta' informazzjoni f'dan ir-rigward kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE. Il-punt (b) jagħti s-setgħa lill-ESMA biex tabbozza standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-informazzjoni li s-CSD ta' pajjiż terz għandu jipprovdi lill-ESMA f'dik in-notifika u jispeċifika li tali informazzjoni għandha tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ u tipprovdi lista ta' eżempji. Bl-istess mod, ġie introdott ukoll rekwiżit ta' notifika għal dawk is-CSDs ta' pajjiżi terzi li offrew servizzi ta' saldu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*5.2.7 Servizzi anċillari tat-tip bankarju*

L-ewwel nett, l-Artikolu 1(13) jemenda l-Artikolu 40(2) tas-CSDR u l-punt (a) tal-Artikolu 1(17) jemenda l-punt (b) tal-Artikolu 54(2) tas-CSDR sabiex tiġi introdotta l-possibbiltà għas-CSDs awtorizzati li jipprovdu servizzi anċillari tat-tip bankarju biex jipprovdu tali servizzi lis-CSDs li ma jkunux kisbu din l-awtorizzazzjoni u li, għalhekk, ma jistgħux jagħmlu saldu f'muniti speċifiċi ogħla minn ċerti ammonti meta ma jkollhomx aċċess għall-bank ċentrali rilevanti.

Il-punt (b) tal-Artikolu 1(17) jemenda l-formulazzjoni introduttorja tal-paragrafu 4, u b'hekk jippermetti lis-CSDs ifittxu l-forniment ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju mhux biss minn istituzzjonijiet ta' kreditu ddeżinjati iżda wkoll minn CSDs oħrajn li jkunu ġew awtorizzati li jipprovdu tali servizzi skont l-Artikolu 54(3), kemm jekk dawk is-CSDs ikunu parti mill-istess grupp korporattiv kif ukoll jekk le. F'dan ir-rigward, il-punt (b) tal-Artikolu 1(17) iħassar il-punt (c) tal-Artikolu 54(4) tas-CSDR, u b'hekk jelimina l-projbizzjoni li l-istituzzjonijiet ta' kreditu ddeżinjati ma jistgħux joffru servizzi ewlenin tas-CSDs.

It-tieni, il-punt (c) tal-Artikolu 1(17) jemenda l-Artikolu 54(5) tas-CSDR li pprovda limitu speċifiku fis-CSDR li taħtu s-CSD jista' juża istituzzjoni ta' kreditu għas-servizzi bankarji. Sabiex dan il-limitu jiġi kkalibrat b'mod adegwat u bil-għan li jiġu ġestiti r-riskji finanzjarji, il-punt (d) tal-Artikolu 1(17) jintroduċi mandat għall-EBA, f'kooperazzjoni mas-SEBĊ u l-ESMA, biex jiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, li jridu jiġu adottati mill-Kummissjoni, l-istabbiliment ta' limitu xieraq li taħtu jistgħu jiġu pprovduti servizzi anċillari

tat-tip bankarju mill-istituzzjonijiet ta' kreditu, inkluż il-ġestjoni tar-riskju u l-istandards prudenzjali rilevanti, il-mitigazzjoni tar-riskji potenzjali mill-emendar tal-limitu.

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 1(19) jemenda l-Artikolu 59(4) tas-CSDR biex jiżgura rekwiżiti prudenzjali adegwati, jiżgura l-konsistenza ma' leġiżlazzjoni applikabbli oħra jew jagħmel ċerti rekwiżiti aktar espliċiti biex tiġi żgurata l-konsistenza superviżorja jew jispeċifika għadd ta' kwistjonijiet iżgħar fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju. Għal dak il-għan, il-punt (a):

(a) jemenda l-punt (c) tal-Artikolu 59(4) filwaqt li jagħmlu espliċitu u filwaqt li jagħmlu konformi mal-istandards regolatorji eżistenti li għax-xenarju ta' stress ta' likwidità, ir-riżorsi likwidi kwalifikanti għandhom jinżammu minflok ir-riżorsi likwidi u x-xenarju ta' stress għandu jqis l-akbar żewġ parteċipanti minflok l-akbar parteċipanti biss.

(b) jemenda l-punt (d) tal-Artikolu 59(4) u jiċċara li r-riżorsi likwidi kwalifikanti għandhom jinżammu għall-muniti rilevanti minflok għall-muniti kollha.

(c) jemenda l-punti (e) tal-Artikolu 59(4), filwaqt li jiċċara li f'każ li jintużaw arranġamenti ta' finanzjament prestabbiliti, dawn għandhom ikunu affidabbli ħafna. Huwa jagħmel ukoll espliċitu li meta jintużaw arranġamenti simili għal arranġamenti impenjati, dawn għandhom jinżammu skont l-istess standard ta' affidabbiltà għolja u għandhom jinżammu biss ma' istituzzjonijiet ta' kreditu b'affidabbiltà kreditizja.

(d) jemenda l-punt (i) tal-Artikolu 59(4) li jiċċara li CSD jista' jikkonverti fi flus, minflok "jillikwida", kwalunkwe kollateral ipprovdut mill-klijent inadempjenti, u li, fejn jintużaw arranġamenti mhux impenjati, CSD għandu jkun jista' jistabbilixxi li kwalunkwe riskju potenzjali assoċjat ġie identifikat u mmitigat. L-objettiv huwa li jiġu permessi arranġamenti mhux impenjati bil-kundizzjoni li jkun hemm fis-seħħ qafas komprensiv.

(e) idaħħal punt (k) ġdid fl-Artikolu 59(4) biex jagħmel aktar espliċitu li s-CSDs għandhom ikopru r-riskji rilevanti fil-ġestjoni tar-riskju u fl-oqfsa prudenzjali tagħhom, inklużi l-arranġamenti rilevanti ta' netting. Dan għandu jiżgura li r-riskji ta' kreditu u ta' likwidità fir-rigward tal-arranġamenti ta' netting jiġu ġestiti kif xieraq mis-CSDs. Dan ir-rekwiżit għandu jiġi ċċarat aktar fl-RTS eżistenti żviluppata mill-EBA f'konformità mal-Artikolu 59(5).

*5.2.8 Rekwiżiti u rabtiet organizzazzjonali*

Il-punt (a) tal-Artikolu 1(4) idaħħal subparagrafu ġdid fl-Artikolu 17(2) tas-CSDR sabiex jippermetti lil awtorità kompetenti, fejn CSD applikanti ma jikkonformax mar-rekwiżiti kollha tas-CSDR fil-ħin tal-applikazzjoni iżda jista' jiġi preżunt b'mod raġonevoli li se jagħmel dan meta fil-fatt se jniedi l-attivitajiet tiegħu, li jagħti l-awtorizzazzjoni lil dak is-CSD soġġett għall-kundizzjoni li s-CSD ikollu l-arranġamenti meħtieġa kollha fis-seħħ biex jikkonforma mas-CSDR meta fil-fatt iniedi l-attivitajiet tiegħu.

L-Artikolu 1(11) idaħħal paragrafu 3a ġdid fl-Artikolu 27 tas-CSDR sabiex jiċċara t-tifsira tat-terminu "membru indipendenti tal-korp maniġerjali" fil-kuntest ta' dak l-artikolu.

L-Artikolu 1(12) jemenda l-paragrafu 3 tal-Artikolu 28 tas-CSDR sabiex jiċċara u jiżgura l-konsistenza tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "livell ta' servizz", billi jżid lista ta' eżempji tas-suġġetti li għandu jkopri.

L-Artikolu 1(32) jemenda l-Artikolu 36 tas-CSDR bil-għan li jiċċara li s-CSDs ma għandhomx biss inaqqsu r-riskji assoċjati mas-salvagwardja u s-saldu ta' tranżazzjonijiet f'titoli, iżda għandhom ifittxu li jimminimizzawhom. Għalhekk, it-terminu "jnaqqas" huwa sostitwit b'"jimminimizza".

L-Artikolu 1(16) jemenda l-Artikolu 52(1) tas-CSDR sabiex jiġi żgurat li CSD riċeventi ma jdewwimx bla bżonn l-operat ta' rabta awtorizzata. Għalhekk, is-CSDs riċeventi għandhom ikunu meħtieġa jimplimentaw ir-rabta fi żmien 12-il xahar.

*5.2.9 Rapporti tal-ESMA*

L-Artikolu 1(24) jintroduċi bidliet għall-Artikolu 74 tas-CSDR sabiex jadatta aħjar il-perjodiċità tar-rapporti li l-ESMA għandha tissottometti lill-Kummissjoni.

2022/0074 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 909/2014 fir-rigward tad-dixxiplina tas-saldu, il-forniment transfruntier ta' servizzi, il-kooperazzjoni superviżorja, il-forniment ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju u r-rekwiżiti għal depożitorji ċentrali tat-titoli ta' pajjiżi terzi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[35],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[36],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37] ġie ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fit-28 ta' Awwissu 2014, u daħal fis-seħħ fis-17 ta' Settembru 2014. Huwa jistandardizza r-rekwiżiti għas-saldu tal-istrumenti finanzjarji u r-regoli dwar l-organizzazzjoni u l-kondotta ta' depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs) sabiex jippromwovi saldu sikur, effiċjenti u mingħajr intoppi. Dak ir-Regolament introduċa perjodi iqsar tas-saldu, miżuri ta' dixxiplina tas-saldu, rekwiżiti stretti organizzazzjonali, tal-kondotta tan-negozju u prudenzjali għas-CSDs, rekwiżiti prudenzjali u superviżorji miżjuda għas-CSDs u għal istituzzjonijiet oħra li jipprovdu servizzi bankarji li jappoġġaw is-saldu tat-titoli, u reġim li jippermetti lis-CSDs awtorizzati jipprovdu s-servizzi tagħhom madwar l-Unjoni.

---

35 ĠU C […], […], p. […].

36 ĠU C , , p. .

37 Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).

(1) Simplifikazzjoni tar-rekwiżiti f'ċerti oqsma koperti mir-Regolament (UE) Nru 909/2014, u approċċ aktar proporzjonat għal dawk l-oqsma, huma konformi mal-programm tal-Kummissjoni dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) li jenfasizza l-ħtieġa għal tnaqqis u simplifikazzjoni tal-ispejjeż sabiex il-politiki tal-Unjoni jilħqu l-objettivi tagħhom bl-aktar mod effiċjenti, u għandu l-għan b'mod partikolari li jnaqqas il-piżijiet regolatorji u amministrattivi.

(2) Infrastrutturi ta' wara n-negozjar effiċjenti u reżiljenti huma elementi essenzjali għal Unjoni tas-Swieq Kapitali li tiffunzjona tajjeb u japprofondixxu l-isforzi biex jappoġġaw l-investimenti, it-tkabbir u l-impjiegi f'konformità mal-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni. Għal din ir-raġuni, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali tal-Kummissjoni adottat fl-2020[38] inkluda r-rieżami tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 bħala waħda mill-azzjonijiet ewlenin tiegħu.

(3) Fl-2019, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni mmirata dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 909/2014. Il-Kummissjoni rċeviet ukoll input mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ("ESMA") u mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali ("SEBĊ"). Mill-konsultazzjonijiet deher li l-partijiet ikkonċernati jappoġġaw u jqisu bħala rilevanti l-objettivi ta' dak ir-Regolament, jiġifieri li jippromwovu saldu sikur, effiċjenti u bla xkiel tal-istrumenti finanzjarji, u li ma kienet meħtieġa l-ebda reviżjoni maġġuri. Fl-1 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni adottat rapport ta' rieżami[39] f'konformità mal-Artikolu 75 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014. Għalkemm mhux id-dispożizzjonijiet kollha ta' dak ir-Regolament huma kompletament applikabbli, ir-rapport identifika oqsma li għalihom hija meħtieġa azzjoni mmirata biex jiġi żgurat li l-objettivi tiegħu jintlaħqu b'mod aktar proporzjonat, effiċjenti u effettiv.

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 introduċa regoli dwar id-dixxiplina tas-saldu biex jipprevjeni u jindirizza nuqqasijiet fis-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' titoli u għalhekk jiżgura s-sikurezza tas-saldu tat-tranżazzjonijiet. Dawn ir-regoli jinkludu b'mod partikolari r-rekwiżiti ta' rapportar, reġim ta' penali fi flus u xiri sfurzat. Minkejja n-nuqqas ta' esperjenza fl-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli, l-iżvilupp u l-ispeċifikazzjoni tal-qafas fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229[40] ippermettew lill-partijiet interessati kollha jifhmu aħjar ir-reġim u l-isfidi li tista' twassal għalihom l-applikazzjoni tiegħu. F'dan ir-rigward, l-ambitu tal-penali fi flus u x-xiri sfurzat stabbilit fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jenħtieġ li jiġi ċċarat, b'mod partikolari billi jiġi speċifikat liema kategoriji ta' tranżazzjonijiet huma esklużi. Tali esklużjonijiet jenħtieġ li jkopru b'mod partikolari tranżazzjonijiet li naqsu għal raġunijiet mhux attribwibbli għall-parteċipanti u tranżazzjonijiet li ma jinvolvux żewġ partijiet tan-negozjar, li għalihom l-applikazzjoni ta' penali fi flus jew ta' xiri sfurzat ma tkunx prattikabbli jew tista' twassal għal konsegwenzi detrimentali għas-suq, bħal ċerti tranżazzjonijiet mis-suq primarju, azzjonijiet korporattivi, riorganizzazzjonijiet,

---

[38] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-persuni u n-negozji - pjan ta' azzjoni ġdid, COM(2020) 590.

[39] Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 75 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (COM(2021) 348 final).

[40] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1229 tal-25 ta' Mejju 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar id-dixxiplina tas-saldu (ĠU L 230, 13.9.2018, p. 1).

il-ħolqien u t-tifdija ta' unitajiet ta' fondi u riallinjamenti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 909/2014 billi tispeċifika aktar id-dettalji ta' tali esklużjonijiet permezz ta' att delegat.

(5) L-objettiv ġenerali tar-reġim dixxiplinarju tas-saldu huwa li tittejjeb l-effiċjenza tas-saldu fl-Unjoni. Madankollu, il-volatilità tas-suq fl-2020 amplifikat it-tħassib dwar l-effetti negattivi potenzjali tar-regoli tax-xiri sfurzat, kemm f'kundizzjonijiet normali kif ukoll f'kundizzjonijiet ta' stress fis-suq. Għalhekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli tkun soġġetta għal valutazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-adegwatezza tagħha fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-effiċjenza tas-saldu fl-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-penali fi flus u r-rekwiżiti ta' rapportar ikomplu japplikaw sabiex jiġi vvalutat l-impatt tagħhom fuq it-titjib tal-effiċjenza tas-saldu fl-Unjoni. Meta jitqiesu l-impatti potenzjali tar-regoli dwar ix-xiri sfurzat, tali regoli jenħtieġ li japplikaw biss meta jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, jiġifieri meta l-applikazzjoni ta' penali fi flus ma tkunx irriżultat fi tnaqqis kontinwu u fit-tul tal-fallimenti tas-saldu fl-Unjoni, meta l-effiċjenza tas-saldu fl-Unjoni ma tkunx laħqet livelli xierqa b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni fis-swieq kapitali ta' pajjiżi terzi li huma komparabbli f'termini ta' daqs, likwidità kif ukoll strumenti nnegozjati u tipi ta' tranżazzjonijiet eżegwiti f'tali swieq, jew meta l-livell ta' nuqqasijiet ta' saldu fl-Unjoni jkollu jew x'aktarx ikollu effett negattiv fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Meta l-Kummissjoni tqis li kwalunkwe waħda minn dawk il-kundizzjonijiet tkun issodisfata u li l-applikazzjoni ta' xiri sfurzat tkun proporzjonata biex jiġi indirizzat il-livell ta' nuqqasijiet ta' saldu fl-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni li jiddetermina għal liema strumenti finanzjarji jew kategoriji ta' tranżazzjonijiet jenħtieġ li jibdew japplikaw ir-regoli dwar ix-xiri sfurzat. Il-penali fi flus imsemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jenħtieġ li jiġu kkalkolati kuljum għal kull jum ta' negozju li tranżazzjoni tonqos milli tiġi saldata sa tmiem il-proċess tax-xiri sfurzat jew il-jum tas-saldu attwali, skont liema wieħed jiġi l-ewwel.

(6) Sabiex tiġi evitata l-multipliċità ta' xiri sfurzat għal tranżazzjonijiet dwar l-istess strument finanzjarju tul katina ta' kontropartijiet, li tista' twassal għal kostijiet duplikati bla bżonn u li tista' taffettwa l-likwidità tal-istrument finanzjarju, jenħtieġ li jkun disponibbli mekkaniżmu ta' "trasferiment" għall-parteċipanti f'tali tranżazzjonijiet. Kull parteċipant involut fil-katina tat-tranżazzjonijiet jenħtieġ li jitħalla jgħaddi notifika ta' xiri sfurzat lill-parteċipant li jonqos milli jwettaqhom sakemm jilħaq lill-parteċipant inadempjenti oriġinali.

(7) Il-proċessi tax-xiri sfurzat u tal-kumpens fi flus jippermettu l-pagament tad-differenza bejn il-prezz tax-xiri sfurzat u l-prezz kummerċjali oriġinali li għandu jsir mill-bejjiegħ lix-xerrej biss meta dak il-prezz ta' referenza tax-xiri sfurzat jew tal-kumpens fi flus ikun ogħla mill-prezz kummerċjali oriġinali. Din l-assimetrija għall-ħlas tad-differenzjali tista' toħloq rimedju mhux ekwu li jkun ta' benefiċċju mhux xieraq għax-xerrej fil-każ li l-prezz tax-xiri sfurzat jew ta' referenza jkun aktar baxx mill-prezz kummerċjali oriġinali. Il-ħlas tad-differenzjali bejn il-prezz tax-xiri sfurzat u l-prezz tan-negozju oriġinali jenħtieġ li għalhekk japplika fiż-żewġ direzzjonijiet biex jiġi żgurat li l-partijiet tan-negozju jiġu restawrati għat-termini ekonomiċi, kieku seħħet it-tranżazzjoni oriġinali.

(8) Ir-reġim dixxiplinarju tas-saldu stabbilit fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jenħtieġ li ma japplikax għal parteċipant inadempjenti, li jkun

kontroparti ċentrali ("CCP") kif definit fir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41]. Madankollu, għal tranżazzjonijiet li jsiru minn CCP meta din ma tidħolx bejn il-kontropartijiet, bħall-użu permess ta' kollateral għal skopijiet ta' investiment, is-CCP jenħtieġ li tkun soġġetta għar-reġim dixxiplinarju tas-saldu bħal kwalunkwe parteċipant ieħor.

(9) Fejn japplika x-xiri sfurzat, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Kummissjoni li tissospendi temporanjament l-applikazzjoni tagħhom f'ċerti sitwazzjonijiet eċċezzjonali. Tali sospensjoni jenħtieġ li tkun possibbli għal kategoriji speċifiċi ta' strumenti finanzjarji fejn meħtieġ biex tiġi evitata jew indirizzata theddida serja għall-istabbiltà finanzjarja jew għall-funzjonament ordnat tas-swieq finanzjarji fl-Unjoni. Tali sospensjoni jenħtieġ li tkun proporzjonata għal dawk l-għanijiet.

(10) Il-kuntest tar-rati tal-imgħax negattivi jenħtieġ li jitqies fl-att delegat għall-kalkolu tal-penali fi flus sabiex jiġu evitati effetti mhux intenzjonati fuq il-parteċipant li ma jkunx qed jonqos billi jiġi eliminat kwalunkwe inċentiv negattiv li jista' jirriżulta f'ambjent b'rata tal-imgħax baxxa jew negattiva.

(11) L-ESMA jenħtieġ li tħejji abbozzi ta' standards regolatorji biex tirrevedi l-istandards tekniċi regolatorji eżistenti sabiex tqis il-bidliet li saru fir-Regolament (UE) Nru 909/2014 sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel kwalunkwe korrezzjoni jew emenda meħtieġa bil-għan li jiġu ċċarati r-rekwiżiti stabbiliti f'tali standard tekniku regolatorju, bħall-kundizzjonijiet li taħthom il-parteċipanti jistgħu jeżegwixxu x-xiri sfurzat tagħhom stess.

(12) Meta depożitarju ċentrali tat-titoli (CSD) ma jwettaq l-ebda attività ta' saldu qabel il-bidu tal-proċess ta' awtorizzazzjoni, il-kriterji li jiddeterminaw liema awtoritajiet rilevanti jenħtieġ li jkunu involuti f'tali proċess ta' awtorizzazzjoni jenħtieġ li jqisu l-attività ta' saldu antiċipata biex jiżguraw li jitqiesu l-fehmiet tal-awtoritajiet rilevanti kollha potenzjalment interessati fl-attivitajiet ta' dak is-CSD.

(13) Filwaqt li r-Regolament (UE) Nru 909/2014 jirrikjedi li s-superviżuri nazzjonali jikkooperaw mal-awtoritajiet rilevanti u jinvolvuhom, is-superviżuri nazzjonali ma humiex meħtieġa jinfurmaw lil dawk l-awtoritajiet rilevanti jekk u kif il-fehmiet tagħhom ġew ikkunsidrati fl-eżitu tal-proċess ta' awtorizzazzjoni u jekk ġewx identifikati kwistjonijiet addizzjonali matul ir-rieżamijiet u l-evalwazzjonijiet annwali. B'hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet rilevanti jkunu jistgħu joħorġu opinjonijiet motivati dwar l-awtorizzazzjoni tas-CSDs u dwar il-proċess ta' rieżami u ta' evalwazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jqisu dawn l-opinjonijiet jew jispjegaw f'deċiżjoni motivata għaliex dawn l-opinjonijiet ma ġewx segwiti.

(14) Huma meħtieġa rieżamijiet u evalwazzjonijiet regolari tas-CSDs mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi żgurat li s-CSDs jibqa' jkollhom fis-seħħ arranġamenti, strateġiji, proċessi u mekkaniżmi xierqa biex jevalwaw ir-riskji li għalihom is-CSDs huma, jew jistgħu jkunu, esposti jew li jistgħu jikkostitwixxu theddida għall-funzjonament bla xkiel tas-swieq tat-titoli. Madankollu, l-esperjenza wriet li rieżami u evalwazzjoni annwali huma ta' piż sproporzjonat kemm għas-CSDs kif ukoll għall-

[41] Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

awtoritajiet kompetenti u b'valur miżjud limitat. Għalhekk jenħtieġ li tiġi stabbilita perjodiċità kalibrata aktar xierqa sabiex jittaffa dan il-piż u tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-informazzjoni minn rieżami wieħed. Madankollu, il-kapaċitajiet superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti u l-objettiv li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja jenħtieġ li ma jiġux imminati.

(15) CSD jenħtieġ li jkun lest li jiffaċċja xenarji li potenzjalment jistgħu jżommuh milli jkun jista' jipprovdi l-operazzjonijiet u s-servizzi kritiċi tiegħu bħala negozju attiv u jivvaluta l-effettività ta' firxa sħiħa ta' għażliet għall-irkupru jew għal stralċ ordnat. Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 introduċa rekwiżiti f'dan ir-rigward, billi pprovda b'mod partikolari li awtorità kompetenti għandha tirrikjedi lis-CSD jissottometti pjan ta' rkupru adegwat u għandu jiżgura li jiġi stabbilit u miżmum pjan ta' riżoluzzjoni adegwat għal kull CSD. Madankollu, bħalissa ma jeżisti l-ebda reġim ta' riżoluzzjoni armonizzat li fuqu jista' jkun ibbażat pjan ta' riżoluzzjoni. Filwaqt li s-CSDs awtorizzati li joffru servizzi anċillari tat-tip bankarju jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42], ma teżisti l-ebda dispożizzjoni speċifika għas-CSDs li ma humiex awtorizzati jipprovdu tali servizzi, u b'hekk ma jitqisux bħala istituzzjonijiet ta' kreditu skont id-Direttiva 2014/59/UE bl-obbligu li jkollhom fis-seħħ pjanijiet ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni. Għalhekk jenħtieġ li jiġu introdotti kjarifiki bil-għan li r-rekwiżiti applikabbli għas-CSDs jiġu allinjati aħjar filwaqt li jitqies in-nuqqas ta' qafas tal-Unjoni għall-irkupru u r-riżoluzzjoni għas-CSD kollha.

(16) Meta CSD ġdid japplika għal awtorizzazzjoni u ma tkunx tista' tiġi vvalutata konformità ma' ċerti rekwiżiti minħabba li s-CSD ikun għadu mhux operazzjonali, l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tkun tista' tagħti l-awtorizzazzjoni soġġetta għall-kundizzjoni li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssodisfati meta s-CSD effettivament iniedi l-attivitajiet tiegħu.

(17) Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 dwar il-forniment minn CSDs ta' servizzi notarili u ta' manutenzjoni ċentrali fir-rigward ta' strumenti finanzjarji kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru għajr dak tal-awtorizzazzjoni tagħhom uriet li hija ta' piż u li xi wħud mir-rekwiżiti tagħha ma humiex ċari. Dan irriżulta fi proċess sproporzjonalment għali u twil għas-CSDs. Għalhekk, jenħtieġ li l-proċedura tiġi ssimplifikata biex jitneħħew aħjar l-ostakli għas-saldu transfruntier sabiex is-CSDs awtorizzati jibbenefikaw bis-sħiħ mil-libertà li jipprovdu servizzi fl-Unjoni.

(18) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 jirrikjedi l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet li għandhom interess fl-operazzjonijiet tas-CSDs li joffru servizzi fir-rigward ta' strumenti finanzjarji maħruġa skont il-liġi ta' aktar minn Stat Membru wieħed. Madankollu, l-arranġamenti superviżorji jibqgħu frammentati u jistgħu jwasslu għal differenzi fl-allokazzjoni u fin-natura tas-setgħat superviżorji skont is-CSD ikkonċernat. Dan, min-naħa tiegħu, joħloq ostakli għall-forniment transfruntier tas-servizzi tas-CSD fl-Unjoni, jipperpetwa l-ineffiċjenzi li jifdal fis-suq tas-saldu tal-

[42] Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

Unjoni, u għandu impatti negattivi fuq l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni. Minkejja l-possibbiltà li jiġu stabbiliti kulleġġi f'konformità mal-Artikolu 24(4) ta' dak ir-Regolament (dik l-għażla bilkemm intużat. Sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni effettiva u effiċjenti tas-superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti, ir-rekwiżit li jiġu stabbiliti kulleġġi obbligatorji jenħtieġ li japplika f'żewġ każijiet. L-ewwel nett, għas-CSDs li joffru servizzi notarili u ta' manutenzjoni ċentrali fir-rigward ta' strumenti finanzjarji maħruġa skont il-liġi ta' aktar minn Stat Membru wieħed (il-kulleġġi ta' passaportar) u t-tieni għas-CSDs li jappartjenu għall-istess grupp (il-"kulleġġi fil-livell tal-grupp"). Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet li jipparteċipaw fil-kulleġġi, fejn CSD li joffri servizzi transfruntieri jkun ukoll parti minn grupp ta' CSD, il-President tal-kulleġġ jenħtieġ li jkun jista' jiddeċiedi li jiġi stabbilit kulleġġ wieħed biss għal dak is-CSD. Meta s-CSDs l-oħra fil-grupp ukoll joffru servizzi transfruntieri, il-President tal-kulleġġ jenħtieġ li jkun jista' jieħu dik id-deċiżjoni biss meta l-awtoritajiet kompetenti ta' dawk is-CSDs l-oħra jagħtu l-kunsens tagħhom. F'dak il-każ, ikun hemm kulleġġ wieħed biss għas-CSDs kollha fi ħdan il-grupp li jeżerċita l-kompiti assenjati lill-kulleġġi ta' passaportar u lill-kulleġġi fil-livell tal-grupp. Tali kulleġġi jenħtieġ li jiżguraw il-kondiviżjoni ta' informazzjoni li tappartjeni għas-CSDs ikkonċernati.

(19) L-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti bħalissa għandhom informazzjoni limitata dwar is-servizzi li s-CSDs stabbiliti f'pajjiż terz joffru fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru għal bosta raġunijiet. L-ewwel nett, minħabba l-applikazzjoni differita, mingħajr data tat-tmiem, tar-rekwiżiti ta' rikonoxximent għal CSDs ta' pajjiżi terzi li diġà pprovdew manutenzjoni ċentrali u servizzi notarili fl-Unjoni qabel id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 skont l-Artikolu 69(4) ta' dak ir-Regolament. It-tieni, minħabba l-fatt li fejn CSD ta' pajjiż terz jipprovdi biss is-servizz ta' saldu, dan ma huwiex soġġett għal rekwiżiti ta' rikonoxximent. Fl-aħħar nett, minħabba li r-Regolament (UE) Nru 909/2014 ma jirrikjedix li CSDs stabbiliti f'pajjiż terz jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-Unjoni dwar l-attivitajiet tagħhom relatati ma' strumenti finanzjarji kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru. Minħabba dak in-nuqqas ta' informazzjoni, la l-emittenti u lanqas l-awtoritajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni ma jkunu jistgħu jivvalutaw l-attivitajiet ta' dawk is-CSDs fl-Unjoni jekk ikun meħtieġ. Għalhekk, is-CSDs stabbiliti f'pajjiż terz jenħtieġ li jkunu meħtieġa jinformaw lill-awtoritajiet tal-Unjoni dwar l-attivitajiet tagħhom fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru.

(20) L-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jirrikjedi li CSD ikollu korp maniġerjali li mill-inqas terz, iżda mhux inqas minn tnejn, mill-membri tiegħu jkunu indipendenti. Madankollu, dak il-kunċett ta' indipendenza jista' jkun soġġett għal interpretazzjonijiet diverġenti u għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat, f'konformità mad-definizzjoni ta' "membri indipendenti" skont l-Artikolu 2(28) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

(21) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-interpretazzjoni tal-kwistjonijiet ewlenin li dwarhom il-kumitati tal-utenti għandhom jagħtu pariri lill-korp maniġerjali, jenħtieġ li jiġi ċċarat aktar liema elementi huma inklużi fil-"livell ta' servizz".

(22) Minħabba r-rwol ċentrali tagħhom fir-rigward tas-sikurezza tat-tranżazzjonijiet, is-CSDs jenħtieġ li mhux biss inaqqsu r-riskji assoċjati mas-salvagwardja u s-saldu tat-tranżazzjonijiet fit-titoli, iżda jenħtieġ li jfittxu li jimminimizzaw dawk ir-riskji.

(23) F'ċerti ċirkostanzi, titolu jista' jiġi kkostitwit taħt il-liġijiet korporattivi nazzjonali jew liġijiet simili ta' żewġ Stati Membri differenti. Dan huwa b'mod partikolari l-każ għal titoli ta' dejn fejn l-emittent ikun stabbilit fi Stat Membru wieħed u t-titoli jistgħu jinħarġu skont il-liġi regolatorja ta' Stat Membru ieħor. F'każ bħal dan, kemm il-liġijiet korporattivi nazzjonali kif ukoll dawk simili jenħtieġ li jkomplu japplikaw.

(24) Sabiex jiġi żgurat li l-emittenti li jagħmlu arranġamenti biex it-titoli tagħhom jiġu rreġistrati f'CSD stabbilit fi Stat Membru ieħor ikunu jistgħu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi korporattiva jew simili ta' tali Stati Membri, l-Istati Membri jenħtieġ li jaġġornaw regolarment il-lista ta' tali dispożizzjonijiet rilevanti ewlenin nazzjonali ppubblikati mill-ESMA.

(25) Sabiex jiġu evitati r-riskji tas-saldu minħabba l-insolvenza tal-aġent tas-saldu, CSD jenħtieġ li jsalda, meta dan ikun prattikabbli u disponibbli, il-parti li tikkonsisti fi flus tat-tranżazzjoni tat-titoli permezz ta' kontijiet miftuħa ma' bank ċentrali. Fejn dik l-għażla ma tkunx prattika u disponibbli, inkluż fejn CSD ma jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' bank ċentrali għajr dak tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu, jenħtieġ li dak is-CSD ikun jista' jsalda l-parti tal-flus tat-tranżazzjonijiet f'muniti barranin permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjonijiet awtorizzati li jipprovdu servizzi bankarji skont il-kundizzjonijiet previsti fir-Regolament (UE) Nru 909/2014. L-effiċjenza tas-suq tas-saldu tkun moqdija aħjar billi jissaħħu l-possibbiltajiet biex is-CSDs jipprovdu saldu f'muniti barranin permezz tal-użu ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjonijiet awtorizzati li jipprovdu servizzi bankarji, fi ħdan limiti ta' riskju xierqa, bil-għan li japprofondixxu s-swieq kapitali u jtejbu s-saldu transfruntier. Għal dak il-għan, is-CSDs awtorizzati sabiex jipprovdu servizzi ančillari tat-tip bankarju skont ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 u li għalihom ir-riskji rilevanti huma diġà mmonitorjati, jenħtieġ li jkunu jistgħu joffru tali servizzi lil CSDs oħra li ma jkollhomx tali liċenzja irrispettivament minn jekk dawn tal-aħħar ikunux parti mill-istess grupp ta' kumpaniji.

(26) Fi ħdan limitu tar-riskju stabbilit b'mod xieraq, is-CSDs li ma jkunux awtorizzati jipprovdu servizzi ančillari tat-tip bankarju jenħtieġ li jkunu jistgħu joffru ammont suffiċjenti ta' saldu f'munita barranija permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjonijiet ta' kreditu jew permezz tal-kont tiegħu stess. Il-limitu li taħtu CSD jista' jaħtar istituzzjoni ta' kreditu biex tipprovdi kwalunkwe servizz ančillari tat-tip bankarju minn entità ġuridika separata mingħajr ma jkun meħtieġ li tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jenħtieġ li jiġi kkalibrat b'mod li jippromwovi l-effiċjenza tas-saldu u l-użu ta' servizzi ančillari bankarji filwaqt li tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja. Bħala korp b'għarfien espert speċjalizzat dwar kwistjonijiet ta' riskju bankarju u ta' kreditu, l-EBA jenħtieġ li tiġi fdata bl-iżvilupp ta' abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex jiġu stabbiliti l-limiti xierqa u, fejn meħtieġ, kwalunkwe rekwiżit ta' mitigazzjoni tar-riskju. L-EBA jenħtieġ li tikkoopera mill-qrib ukoll mal-membri tas-SEBĊ u mal-ESMA. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fir-rigward tal-elementi dettaljati tad-determinazzjoni għall-proviżjonament ta' servizzi ančillari tat-tip bankarju, id-dettalji ta' akkumpanjament tar-rekwiżiti tal-immaniġġjar tar-riskju u tal-kapital għas-CSDs u r-rekwiżiti prudenzjali dwar ir-riskji ta' kreditu u ta' likwidità għas-CSDs u għall-istituzzjonijiet ta' kreditu ddeżinjati li huma awtorizzati jipprovdu servizzi ančillari tat-tip bankarju.

(27) Is-CSDs, inklużi dawk awtorizzati li jipprovdu servizzi anċillari tat-tip bankarju, u l-istituzzjonijiet ta' kreditu ddeżinjati jenħtieġ li jkopru r-riskji rilevanti fl-immaniġġjar tar-riskju u fl-oqfsa prudenzjali tagħhom, inklużi l-arranġamenti rilevanti ta' netting. L-għodod biex ikopru dawk ir-riskji jenħtieġ li jinkludu ż-żamma ta' riżorsi likwidi kwalifikanti suffiċjenti fil-muniti rilevanti kollha u l-iżgurar li x-xenarji ta' stress ikunu b'saħħithom biżżejjed. Is-CSDs jenħtieġ li jiżguraw ukoll li r-riskji ta' likwidità korrispondenti jiġu ġestiti u koperti minn arranġamenti ta' finanzjament affidabbli ħafna ma' istituzzjonijiet b'affidabbiltà kreditizja, kemm jekk dawk l-arranġamenti jiġu impenjati kif ukoll jekk ikollhom affidabbiltà simili. L-EBA jenħtieġ li tippreżenta abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tirrevedi l-istandards tekniċi regolatorji eżistenti sabiex tqis dawk il-bidliet għar-rekwiżiti prudenzjali, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel kwalunkwe emenda meħtieġa bil-għan li jiġu ċċarati r-rekwiżiti stabbiliti f'tali standards tekniċi regolatorji, bħal dawk relatati mal-ġestjoni ta' nuqqasijiet potenzjali ta' likwidità.

(28) Perjodu ta' xahar biss għall-awtoritajiet rilevanti u għall-awtoritajiet kompetenti biex joħorġu opinjoni motivata dwar l-awtorizzazzjoni biex jiġu pprovduti servizzi anċillari tat-tip bankarju rriżulta li huwa qasir wisq biex dawk l-awtoritajiet ikunu jistgħu jagħmlu analiżi sostanzjata. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit perjodu itwal ta' xahrejn.

(29) Sabiex is-CSDs stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi jingħataw biżżejjed żmien biex japplikaw għall-awtorizzazzjoni u għar-rikonoxximent tal-attivitajiet tagħhom, id-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni u rikonoxximent tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 inizjalment ġiet differita sakemm tkun ittieħdet deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni jew ta' rikonoxximent skont dak ir-Regolament. Ikun għadda biżżejjed żmien mid-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament. Għalhekk, dawk ir-rekwiżiti issa jenħtieġ li jibdew japplikaw biex jiżguraw, minn naħa waħda, kundizzjonijiet ekwi fost is-CSDs kollha li joffru servizzi fir-rigward ta' strumenti finanzjarji kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru, u, min-naħa l-oħra, dawk l-awtoritajiet fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni għandhom l-informazzjoni meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni tal-investitur u jimmonitorjaw l-istabbiltà finanzjarja.

(30) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 bħalissa jirrikjedi li l-ESMA tħejji, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u mal-EBA, rapporti annwali dwar 12-il suġġett u tippreżenta dawk ir-rapporti lill-Kummissjoni. Dak ir-rekwiżit huwa sproporzjonat meta titqies in-natura ta' ċerti suġġetti li ma jeħtiġux aġġornament annwali. Għalhekk, jenħtieġ li l-frekwenza u l-għadd ta' dawk ir-rapporti jiġu kkalibrati mill-ġdid sabiex jitnaqqas il-piż fuq l-ESMA u fuq l-awtoritajiet kompetenti filwaqt li jiġi żgurat li l-Kummissjoni tiġi pprovduta bl-informazzjoni meħtieġa li teħtieġ biex tirrevedi l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.

(31) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 909/2014 jiġi emendat kif meħtieġ.

(32) Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tispeċifika l-effett li, f'kuntest ta' rati tal-imgħax negattivi, in-nuqqasijiet jista' jkollhom fuq il-kontropartijiet affettwati fir-rigward tal-kalkolu tal-penali fi flus jew l-inċentivi negattivi tagħhom li jonqsu, ir-raġunijiet li jwasslu għal nuqqasijiet ta' saldu li għandhom jitqiesu bħala li ma humiex attribwibbli għall-parteċipanti għat-tranżazzjoni u t-tranżazzjonijiet li ma għandhomx jitqiesu li jinvolvu żewġ partijiet kummerċjali, il-funzjonament tal-kulleġġi tas-superviżuri, l-

informazzjoni li għandha tiġi nnotifikata minn CSDs ta' pajjiżi terzi; u l-ammont massimu li taħtu s-CSDs jistgħu jużaw kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu biex isaldaw il-pagamenti fi flus.

(33) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari fir-rigward tal-applikazzjoni u s-sospensjoni ta' rekwiżiti ta' xiri sfurzat fejn dawk japplikaw, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43].

(34) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiżdied il-forniment ta' saldu transfruntier mis-CCPs, li jitnaqqsu l-piż amministrattiv u l-kostijiet ta' konformità u li jiġi żgurat li l-awtoritajiet ikollhom informazzjoni suffiċjenti sabiex jimmonitorjaw ir-riskji, ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentement mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(35) L-applikazzjoni tal-ambitu rivedut tar-regoli dwar il-penali fi flus, ir-rekwiżiti l-ġodda rigward l-istabbiliment ta' kulleġġi tas-superviżuri, is-sottomissjoni ta' notifika minn CSDs ta' pajjiżi terzi tas-servizzi ewlenin li jipprovdu fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru, il-limitu rivedut li taħtu l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu joffru li jsaldaw il-pagamenti fi flus għal parti mis-sistema ta' saldu tat-titoli tas-CSD u r-rekwiżiti prudenzjali riveduti applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu jew għas-CSDs awtorizzati li jipprovdu servizzi anċillari tat-tip bankarju skont l-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 jenħtieġ li jiġu differiti sabiex jingħata żmien biżżejjed għall-adozzjoni tal-atti delegati meħtieġa li jispeċifikaw ulterjorment dawn ir-rekwiżiti,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 909/2014**

Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, jiddaħħal il-punt (25a) li ġej:

"(25A) "grupp" tfisser grupp skont it-tifsira tal-Artikolu 2(11) tad-Direttiva 2013/34/KE;";

(2) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

---

43 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

"Il-mekkaniżmu ta' penali msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jinkludi penali fi flus għall-parteċipanti li jikkawżaw nuqqasijiet ta' saldu ("parteċipanti inadempjenti") ħlief meta dawk in-nuqqasijiet ta' saldu jkunu kkawżati minn fatturi mhux attribwibbli għall-parteċipanti għat-tranżazzjoni jew għal operazzjonijiet li ma jinvolvux żewġ partijiet tan-negozjar. Il-penali fi flus għandhom jiġu kkalkolati fuq bażi ta' kuljum għal kull jum ta' negozju li tranżazzjoni tonqos milli tiġi saldata wara d-data prevista tas-saldu tagħha sat-tmiem tal-proċess ta' xiri sfurzat imsemmi fil-paragrafi 3 sa 8 li għandu jiġi applikat skont il-paragrafu 2a, jew il-jum ta' saldu proprju, skont liema wieħed jiġi l-ewwel. Il-penali fi flus ma għandhomx jiġu kkonfigurati bħala sors ta' dħul għas-CSD.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Mingħajr preġudizzju għall-mekkaniżmu ta' penali msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u d-dritt li t-tranżazzjoni tiġi kkanċellata b'mod bilaterali, il-Kummissjoni tista', permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi għal liema mill-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1) jew kategoriji ta' tranżazzjonijiet f'dawk l-istrumenti finanzjarji għandhom jiġu applikati l-miżuri ta' dixxiplina tas-saldu msemmija fil-paragrafi 3 sa 8 ta' dan l-Artikolu fejn il-Kummissjoni tqis li dawk il-miżuri jikkostitwixxu mezz proporzjonat biex jiġi indirizzat il-livell ta' nuqqasijiet ta' saldu fl-Unjoni u li, abbażi tal-għadd u tal-volum ta' nuqqasijiet ta' saldu, tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tal-penali fi flus imsemmi fil-paragrafu 2 ma tkunx irriżultat fi tnaqqis kontinwu u fit-tul tan-nuqqas ta' saldu fl-Unjoni;

(b) l-effiċjenza tas-saldu fl-Unjoni ma tkunx laħqet livelli xierqa meta titqies is-sitwazzjoni fis-swieq kapitali ta' pajjiżi terzi li huma komparabbli f'termini ta' daqs, likwidità kif ukoll strumenti nnegozjati u tipi ta' tranżazzjonijiet eżegwiti f'tali swieq;

(c) il-livell ta' nuqqas ta' saldu fl-Unjoni għandu jew x'aktarx ikollu effett negattiv fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni.

L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 68(2).";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Meta l-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont il-paragrafu 2a u meta parteċipant inadempjenti ma jkunx wassal strumenti finanzjarji koperti minn dak l-att ta' implimentazzjoni lill-parteċipant riċeventi fi żmien perijodu wara d-data tas-saldu maħsuba ("perijodu ta' estensjoni") ta' erbat ijiem ta' xogħol, għandu jinbeda proċess ta' xiri sfurzat li bih dawk l-istrumenti għandhom ikunu disponibbli għas-saldu u jiġu kkonsenjati lill-parteċipant riċeventi f'perjodu ta' żmien xieraq.

Fejn it-tranżazzjoni tirrigwarda strument finanzjarju nnegozjat f'suq tal-SMEs li jkun qed jespandi, il-perijodu tal-estensjoni għandu jkun 15-il jum kalendarju dment li s-suq tal-SMEs li jkun qed jespandi ma jiddeċidix li japplika perjodu iqsar."

(d) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. Meta parteċipant riċeventi (il-"parteċipant riċeventi intermedju") ma jirċevix l-istrumenti finanzjarji sad-data msemmija fil-paragrafu 3 li twassal għal konsenja ulterjuri ta' dawk l-istrumenti finanzjarji lil parteċipant riċeventi ieħor (il-"parteċipant riċeventi finali"), il-parteċipant riċeventi intermedju għandu jitqies bħala li jikkonforma mal-obbligu li jeżegwixxi xiri sfurzat kontra l-parteċipant inadempjenti meta l-parteċipant riċeventi finali jeżegwixxi x-xiri sfurzat għal dawk l-istrumenti finanzjarji. Bl-istess mod, il-parteċipant riċeventi intermedju jista' jgħaddi l-obbligi tiegħu lill-parteċipant inadempjenti lejn il-parteċipant riċeventi finali skont il-paragrafi 6, 7 u 8.";

(e) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3a, għandhom japplikaw id-derogi li ġejjin mir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 3:

(a) abbażi tat-tip ta' assi u l-likwidità tal-istrumenti finanzjarji kkonċernati, il-perijodu tal-estensjoni jista' jiżdied minn erbat ijiem ta' xogħol għal mhux aktar minn sebat ijiem ta' xogħol fejn perijodu ta' estensjoni iqsar ikun jaffettwa l-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq finanzjarji kkonċernati;

(b) għal operazzjonijiet magħmulin minn diversi tranżazzjonijiet inklużi ftehimiet dwar ix-xiri mill-ġdid jew is-self ta' titoli, il-proċess ta' xiri sfurzat imsemmi fil-paragrafu 3 ma għandux japplika fejn il-perijodu ta' żmien ta' dawk l-operazzjonijiet ikun qasir biżżejjed u għalhekk il-proċess ta' xiri sfurzat ikun ineffettiv;

(c) għal nuqqasijiet ta' saldu li seħħew għal raġunijiet mhux attribwibbli għall-parteċipanti, il-proċess ta' xiri sfurzat imsemmi fil-paragrafu 3 ma għandux japplika;

(d) għal tranżazzjonijiet li ma jinvolvux żewġ partijiet tan-negozjar, il-proċess ta' xiri sfurzat imsemmi fil-paragrafu 3 ma għandux japplika.";

(f) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Mingħajr preġudizzju għall-mekkaniżmu ta' penali msemmi fil-paragrafu 2, meta l-prezz tal-istrumenti finanzjajri maqbul fil-mument tan-negozju jkun differenti mill-prezz imħallas għall-eżekuzzjoni tax-xiri sfurzat, id-differenza korrispondenti għandha titħallas mill-parteċipant li jibbenefika minn tali prezz differenti għall-parteċipant l-ieħor sa mhux aktar tard mit-tieni jum ta' xogħol wara t-twassil tal-istrumenti finanzjarji b'segwitu għax-xiri sfurzat.";

(g) il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"11. Il-paragrafi 2 sa 9 ma għandhomx japplikaw għal parteċipanti inadempjenti li huma CCPs, ħlief għal tranżazzjonijiet konklużi minn CCP meta din ma tidħolx bejn il-kontropartijiet.

Jekk CCP iġġarrab telf mill-applikazzjoni tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 7(2), is-CCP tista' tistabbilixxi fir-regoli tagħha mekkaniżmu biex tkopri tali telf.";

(h) jiddaħħal il-paragrafu 13a li ġej:

"13a. L-ESMA tista' tirrakkomanda li l-Kummissjoni tissospendi b'mod proporzjonat il-mekkaniżmu tax-xiri sfurzat imsemmi fil-paragrafi 3 sa 8 għal kategoriji speċifiċi ta' strumenti finanzjarji fejn meħtieġ biex tiġi evitata jew indirizzata theddida serja għall-istabbiltà finanzjarja jew għall-funzjonament ordnat tas-swieq finanzjarji fl-Unjoni. Tali rakkomandazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn valutazzjoni motivata bis-sħiħ tan-neċessità tagħha u ma għandhiex issir pubblika.

Qabel ma tagħmel ir-rakkomandazzjoni, l-ESMA għandha tikkonsulta lill-BERS u lis-SEBĊ.

Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien żejjed wara li tirċievi r-rakkomandazzjoni, abbażi tar-raġunijiet u l-evidenza pprovduti mill-ESMA, jew tissospendi l-mekkaniżmu tax-xiri sfurzat imsemmi fil-paragrafu 3 għall-kategoriji speċifiċi ta' strumenti finanzjarji permezz ta' att ta' implimentazzjoni, jew tirrifjuta s-sospensjoni rakkomandata. Fejn il-Kummissjoni tirrifjuta s-sospensjoni mitluba, għandha tipprovdi raġunijiet għal dan bil-miktub lill-ESMA. Dik l-informazzjoni ma għandhiex issir pubblika.

L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 68(3).

Is-sospensjoni tal-mekkaniżmu tax-xiri sfurzat għandha tiġi kkomunikata lill-ESMA u għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

Is-sospensjoni tal-mekkaniżmu tax-xiri sfurzat għandha tkun valida għal perjodu inizjali ta' mhux aktar minn sitt xhur mid-data tal-applikazzjoni ta' dik is-sospensjoni.

Fejn ir-raġunijiet għas-sospensjoni jkunu għadhom japplikaw, il-Kummissjoni tista', permezz ta' att ta' implimentazzjoni, testendi s-sospensjoni msemmija fit-tielet subparagrafu għal perjodi addizzjonali ta' mhux aktar minn tliet xhur, bil-perjodu totali tas-sospensjoni li ma jeċċedix 12-il xahar. Kull estensjoni tas-sospensjoni għandha tiġi ppubblikata f'konformità mal-ħames subparagrafu.

L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 68(3). L-ESMA għandha, fi żmien biżżejjed qabel tmiem il-perjodu ta' sospensjoni msemmi fis-sitt subparagrafu jew qabel il-perjodu ta' estensjoni msemmi fis-seba' subparagrafu, toħroġ opinjoni lill-Kummissjoni dwar jekk għadhomx japplikaw ir-raġunijiet għas-sospensjoni.";

(i) il-paragrafu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"14. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 67 li jispeċifikaw parametri għall-kalkolu ta' livell ta' deterrent u proporzjonat tal-penali fi flus imsemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu abbażi tat-tip ta' assi, il-likwidità tal-istrument finanzjarju, it-tip ta' tranżazzjoni u l-effett li rati tal-imgħax baxxi jew negattivi jista' jkollhom fuq l-inċentivi tal-kontropartijiet u nuqqasijiet. Il-parametri użati għall-kalkolu tal-penali fi flus għandhom jiżguraw grad għoli ta' dixxiplina fis-saldu u l-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq finanzjarji kkonċernati.";

(j) jiddaħħal il-paragrafu 14a li ġej:

"14a. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 67 biex tissupplimenta dan ir-Regolament, li jispeċifikaw ir-raġunijiet għan-nuqqasijiet ta' saldu li għandhom jitqiesu bħala mhux attribwibbli għall-parteċipanti għat-tranżazzjoni u għat-tranżazzjonijiet li ma għandhomx jitqiesu li jinvolvu żewġ partijiet tan-negozjar skont il-paragrafu 2 u l-paragrafu 4, il-punti (c) u (d), ta' dan l-Artikolu.";

(k) fil-paragrafu 15, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [*PO jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].";

(3) fl-Artikolu 12(1), il-punti (b) u (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) il-banek ċentrali fl-Unjoni li joħorġu l-muniti l-aktar rilevanti li fihom jitwettaq jew se jitwettaq is-saldu;

(c) fejn rilevanti, il-bank ċentrali fl-Unjoni li fil-kotba tiegħu tiġi ssaldata jew se tiġi ssaldata l-parti ta' flus kontanti ta' sistema ta' saldu tat-titoli operata mis-CSD.";

(4) l-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fejn CSD applikant ma jikkonformax mar-rekwiżiti kollha ta' dan ir-Regolament, iżda fejn jista' jiġi preżunt b'mod raġonevoli li se jagħmel dan meta fil-fatt ikun nieda l-attivitajiet tiegħu, l-awtorità kompetenti tista' tagħti l-awtorizzazzjoni soġġetta għall-kundizzjoni li dak is-CSD ikollu l-arranġamenti meħtieġa kollha fis-seħħ biex jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament meta fil-fatt jibda l-attivitajiet tiegħu.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Mill-mument meta l-applikazzjoni titqies kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat l-informazzjoni kollha inkluża fl-applikazzjoni lill-awtoritajiet rilevanti u għandha tikkonsulta lil dawk l-awtoritajiet rigward il-karatteristiċi tas-sistema ta' saldu tat-titoli operata mis-CSD applikant.

Kull awtorità rilevanti tista' toħroġ opinjoni motivata lill-awtorità kompetenti fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-informazzjoni mill-awtorità rilevanti. Meta awtorità rilevanti ma tagħtix opinjoni sa dik l-iskadenza, hija għandha titqies li għandha opinjoni pożittiva.

Fejn mill-inqas waħda mill-awtoritajiet rilevanti toħroġ opinjoni motivata negattiva, l-awtorità kompetenti li tkun tixtieq tagħti l-awtorizzazzjoni għandha fi żmien 30 jum kalendarju tipprovdi lill-awtoritajiet rilevanti b'deċiżjoni motivata li tindirizza l-opinjoni negattiva.

Fejn, fi żmien 30 jum kalendarju wara li l-awtorità kompetenti tkun ħarġet id-deċiżjoni motivata msemmija fit-tielet subparagrafu, kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet rilevanti toħroġ opinjoni negattiva oħra u l-awtorità kompetenti ma taqbilx magħha, hija għandha tinforma lil dawk l-awtoritajiet rilevanti. Kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet li tkun ħarġet opinjoni negattiva tista' tirreferi l-kwistjoni lill-ESMA għall-assistenza skont l-Artikolu 31(2)(c), tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Meta l-kwistjoni ma tkunx ġiet solvuta 30 jum kalendarju wara li ġiet riferuta lill-ESMA, l-awtorità kompetenti li tkun tixtieq tagħti l-awtorizzazzjoni għandha tieħu d-deċiżjoni finali u tipprovdi spjegazzjoni dettaljata bil-miktub tad-deċiżjoni tagħha lill-awtoritajiet rilevanti.

Meta l-awtorità kompetenti tkun tixtieq tirrifjuta l-awtorizzazzjoni, il-kwistjoni ma għandhiex tiġi riferuta lill-ESMA.

Opinjonijiet negattivi għandhom jiddikjaraw bil-miktub ir-raġunijiet sħaħ u dettaljati għaliex ir-rekwiżiti previsti f'dan ir-Regolament jew f'rekwiżiti oħra tad-dritt tal-Unjoni ma ġewx issodisfati.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu 7a li ġej:

"7a. L-awtorità kompetenti għandha tinforma mingħajr dewmien żejjed lill-awtoritajiet ikkonsultati skont il-paragrafi 4 sa 7 bir-riżultati, inkluż bi kwalunkwe azzjoni ta' rimedju, dwar il-proċess tal-awtorizzazzjoni.";

(5) fl-Artikolu 20, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. CSD għandu jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm proċedura adegwata biex jiżgura s-saldu u t-trasferiment f'waqthom u ordnati tat-trasferiment tal-assi tal-klijenti u l-parteċipanti lil CSD ieħor fil-każ tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Tali proċeduri għandhom jinkludu t-trasferiment tal-kontijiet tal-ħruġ u r-rekords marbuta mal-forniment ta' servizzi ewlenin imsemmija fit-Taqsima A, il-punti 1 u 2, tal-Anness.";

(6) l-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 sa 4 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"1. Tal-anqas kull sentejn, l-awtorità kompetenti għandha tirrieżamina l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati minn CSD fir-rigward tal-konformità ma' dan ir-Regolament u għandha tevalwa r-riskji li s-CSD huwa, jew jista' jkun, espost għalihom jew li huwa joħloq għall-funzjonament bla xkiel tas-swieq tat-titoli jew tal-istabbiltà tas-swieq finanzjarji.

2. Is-CSD għandu jidentifika xenarji li potenzjalment jistgħu jżommuh milli jkun jista' jipprovdi l-operazzjonijiet u s-servizzi kritiċi tiegħu bħala negozju attiv u jivvaluta l-effettività ta' firxa sħiħa ta' għażliet għall-irkupru jew għal stralċ ordnat. Dawk ix-xenarji għandhom iqisu d-diversi riskji indipendenti u relatati li għalihom ikun espost is-CSD. Bl-użu ta' dik l-analiżi, is-CSD għandu jħejji u jissottometti lill-awtorità kompetenti pjanijiet xierqa għall-irkupru jew għall-istralċ ordnat tiegħu.

3. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jkopri tal-anqas dan li ġej:

(a) sommarju sostantiv tal-istrateġiji ewlenin ta' rkupru jew ta' stralċ ordnat;

(b) identifikazzjoni tal-operazzjonijiet u tas-servizzi kritiċi tas-CSD;

(c) proċeduri adegwati li jiżguraw is-saldu u t-trasferiment f'waqthom u b'mod ordnat tal-assi tal-klijenti u tal-parteċipanti għal CSD ieħor f'każ li jsir dejjem impossibbli għas-CSD li jirkupra l-operazzjonijiet u s-servizzi kritiċi tiegħu;

(d) deskrizzjoni tal-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji ewlenin.

Is-CSD għandu jkollu l-kapaċità li jidentifika u jipprovdi lill-entitajiet relatati l-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet fil-ħin matul ix-xenarji ta' stress.

Is-CSD għandu jirrieżamina u jaġġorna l-pjanijiet regolarment u tal-anqas kull sentejn. Il-pjanijiet għandhom iqisu d-daqs, l-importanza sistemika, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tas-CSD ikkonċernat u kwalunkwe pjan ta' rkupru jew riżoluzzjoni rilevanti stabbilit f'konformità mad-Direttiva 2014/59/UE.

Meta pjan ta' riżoluzzjoni jiġi stabbilit u miżmum għal CSD bil-għan li jiġu żgurati l-funzjonijiet ewlenin tiegħu, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-ESMA b'dan.

4. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-frekwenza u l-profondità tar-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 billi tqis id-daqs, l-importanza sistemika, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tas-CSD ikkonċernat. Ir-rieżami u l-evalwazzjoni għandhom jiġu aġġornati mill-inqas kull sentejn.";

(b) il-paragrafi 6 u 7 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"6. Meta twettaq ir-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha, fi stadju bikri, tibgħat l-informazzjoni meħtieġa lill-awtoritajiet rilevanti u, fejn applikabbli, lill-awtorità msemmija fl-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE, u għandha tikkonsultahom b'mod partikolari dwar il-funzjonament tas-sistemi ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD.

L-awtoritajiet ikkonsultati jistgħu joħorġu opinjoni motivata fi żmien tliet xhur minn meta jirċievu l-informazzjoni mill-awtorità kompetenti.

Meta awtorità ma tagħtix opinjoni sa dik l-iskadenza, hija għandha titqies li għandha opinjoni pożittiva.

Fejn mill-inqas waħda mill-awtoritajiet rilevanti toħroġ opinjoni motivata negattiva, l-awtorità kompetenti għandha fi żmien 30 jum kalendarju tipprovdi lill-awtoritajiet rilevanti b'deċiżjoni motivata li tindirizza l-opinjoni negattiva.

Meta fi żmien 30 jum kalendarju wara li tinħareġ id-deċiżjoni motivata msemmija fir-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu, kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet rilevanti toħroġ opinjoni negattiva oħra u l-awtorità kompetenti ma taqbilx, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lil dik l-awtorità rilevanti. Kwalunkwe waħda mill-

awtoritajiet li tkun ħarġet opinjoni negattiva tista' tirreferi l-kwistjoni lill-ESMA għall-assistenza skont l-Artikolu 31(2)(c), tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Meta 30 jum kalendarju wara r-riferiment lill-ESMA, il-kwistjoni ma tiġix solvuta, l-awtorità kompetenti għandha tieħu d-deċiżjoni finali dwar ir-rieżami u l-evalwazzjoni u għandha tipprovdi spjegazzjoni dettaljata tad-deċiżjoni tagħha bil-miktub lill-awtoritajiet rilevanti.

Opinjonijiet negattivi għandhom jiddikjaraw bil-miktub ir-raġunijiet sħaħ u dettaljati għaliex ir-rekwiżiti previsti f'dan ir-Regolament jew f'rekwiżiti oħra tad-dritt tal-Unjoni ma ġewx issodisfati.

7. B'mod regolari u tal-anqas darba kull sentejn, l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-awtoritajiet rilevanti u, fejn applikabbli, lill-kulleġġi msemmija fl-Artikolu 24a ta' dan ir-Regolament u lill-awtorità msemmija fl-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE bir-riżultati tar-rieżami u tal-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, inkluż kwalunkwe azzjoni ta' rimedju jew penali.";

(c) fil-paragrafu 11, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [*PO jekk jogħġbok daħħal sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].";

(7) fl-Artikolu 23, il-paragrafi 2 u 7 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"2. CSD awtorizzat jew CSD li jkun applika għal awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 17 li jkun biħsiebu jipprovdi s-servizzi ewlenin imsemmija fil-punti 1 u 2 tat-Taqsima A tal-Anness fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor imsemmi fl-Artikolu 49(1), it-tieni subaragrafu, jew jistabbilixxi fergħa fi Stat Membru ieħor għandu jkun soġġett għall-proċedura msemmija fil-paragrafi 3 sa 7 ta' dan l-Artikolu. Is-CSD jista' jipprovdi tali servizzi biss wara li jkun ġie awtorizzat skont l-Artikolu 17 iżda mhux qabel id-data rilevanti applikabbli f'konformità mal-paragrafu 6.

3. Kwalunkwe CSD li jixtieq jipprovdi s-servizzi msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 49(1), għall-ewwel darba, jew biex tinbidel il-firxa ta' dawk is-servizzi pprovduti għandhom jissottomettu d-dokumenti bl-informazzjoni li ġejja lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju:

(a) l-Istat Membru ospitanti;

(b) programm ta' operazzjonijiet li jiddikjara b'mod partikolari s-servizzi li s-CSD ikun biħsiebu jipprovdi;

(c) il-munita jew muniti li s-CSD ikun biħsiebu jipproċessa;

(d) fejn ikun hemm fergħa, l-istruttura organizzazzjonali tal-fergħa u l-ismijiet ta' dawk responsabbli għall-ġestjoni tal-fergħa;

(e) valutazzjoni tal-miżuri li s-CSD ikun biħsiebu jieħu biex jippermetti li l-utenti tiegħu jikkonformaw mal-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 49(1).

4. Fi żmien xahar mir-riċevuta tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika dik l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti sakemm, meta tqis il-forniment tas-servizzi previsti, ma jkollhiex raġuni sabiex tiddubita l-adegwatezza tal-istruttura amministrattiva jew is-sitwazzjoni finanzjarja tas-CSD li jixtieq jipprovdi s-servizzi tiegħu fl-Istat Membru ospitanti. Meta s-CSD diġà jkun jipprovdi servizzi lil Stati Membri ospitanti oħra, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tinforma wkoll lill-kulleġġ ta' passaportar imsemmi fl-Artikolu 24a.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tgħarraf mingħajr dewmien lill-awtoritajiet rilevanti ta' dak l-Istat Membru bi kwalunkwe komunikazzjoni li tkun irċeviet skont l-ewwel subparagrafu.

5. Fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiddeċiedi f'konformità mal-paragrafu 4 li ma tikkomunikax l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 3 lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, hija għandha tagħti r-raġunijiet għar-rifjut tagħha lis-CSD ikkonċernat fi żmien tliet xhur minn meta tasal l-informazzjoni kollha u għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membri ospitanti u lill-kulleġġ ta' passaportar imsemmi fl-Artikolu 24 bid-deċiżjoni tagħha.

6. Is-CSD jista' jibda jipprovdi s-servizzi msemmija fil-paragrafu 2 fl-Istat Membru ospitanti fl-aktar data li tiġi kmieni minn dawn ta' hawn taħt:

(a) wara xahar mid-data tat-trażmissjoni tal-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 4;

(b) mar-riċevuta ta' komunikazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti li tapprova l-forniment ta' servizzi fl-Istat Membru ospitanti.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tinforma minnufih lis-CSD bid-data tat-trażmissjoni tal-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 4.

7. F'każ ta' bidla fl-informazzjoni stabbilita fid-dokumenti ppreżentati f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, CSD għandu jagħti avviż bil-miktub dwar dik il-bidla lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-anqas xahar qabel ma jimplimenta l-bidla. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u l-kulleġġ ta' passaportar imsemmija fl-Artikolu 24a għandhom jiġu infurmati wkoll b'dik il-bidla mingħajr dewmien mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju.";

(8) l-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1 jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Fuq talba ta' kwalunkwe membru tal-kulleġġ ta' passaportar imsemmi fl-Artikolu 24a, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tista' tistieden persunal mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti u mill-ESMA biex jipparteċipaw fi spezzjonijiet fuq il-post.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tista' tibgħat lill-ESMA kwalunkwe informazzjoni riċevuta mingħand is-CSDs matul spezzjonijiet fil-post jew relattivament għalihom.";

(b) jitħassar il-paragrafu 4;

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jkollha raġunijiet ċari u dimostrabbli biex temmen li CSD li jipprovdi servizzi fit-territorju tagħha f'konformità mal-Artikolu 23 ikun qed jikser l-obbligi li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, lill-ESMA u lill-kulleġġ ta' passaportar imsemmi fl-Artikolu 24a b'dawk is-sejbiet.

Meta, minkejja miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, is-CSD jippersisti fil-ksur tal-obbligi li ġejjin mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha, wara li tkun informat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, tieħu l-miżuri adatti kollha meħtieġa sabiex tiżgura konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ġewwa t-territorju tal-Istat Membru ospitanti. L-ESMA u l-kulleġġ ta' passaportar imsemmi fl-Artikolu 24a għandhom jiġu informati b'tali miżuri mingħajr dewmien.

L-awtorità kompetenti tal-Istati Membri ospitanti u tal-Istat Membru tad-domiċilju jistgħu jirreferu din il-kwistjoni lill-ESMA, li tista' taġixxi skont is-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(d) il-paragrafi 7 u 8 huma mħassra;

(9) fit-Titolu III, tiddaħħal it-Taqsima 4a li ġejja:

"Taqsima 4a

**Kooperazzjoni tal-awtoritajiet permezz tal-kulleġġi**

*Artikolu 24a*

**Kulleġġi tas-Superviżuri għas-CSDs li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor u għas-CSDs li huma parti minn grupp b'żewġ CSDs jew aktar**

1. Il-kulleġġi tas-superviżuri għandhom jiġu stabbiliti biex iwettqu l-kompiti msemmija fil-paragrafu 6 fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta CSD ikun soġġett għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 23(3) sa (7) ("kulleġġ ta' passaportar");

(b) meta CSD ikun parti minn grupp li jinkludi żewġ CSD jew aktar awtorizzati f'mill-inqas żewġ Stati Membri ("kulleġġ fil-livell tal-grupp").

Fil-każ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-awtorità kompetenti ta' domiċilju tas-CSD għandha tistabbilixxi, timmaniġġja u tippresjedi l-kulleġġ ta'

passaportar. Dak il-kulleġġ għandu jiġi stabbilit fi żmien xahar mid-data msemmija fl-Artikolu 23(6). Meta s-CSD jissottometti notifiki sussegwenti skont l-Artikolu 23(3), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tistieden lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti rilevanti lill-kulleġġ ta' passaportar fi żmien xahar mid-data msemmija fl-Artikolu 23(6).

Fil-każ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), meta l-impriża prinċipali tkun CSD awtorizzat fl-Unjoni, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju ta' dak is-CSD għandha tistabbilixxi, timmaniġġja u tippresjedi l-kulleġġ fil-livell tal-grupp. Meta l-impriża prinċipali ma tkunx CSD awtorizzat fl-Unjoni, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tas-CSD bl-akbar total tal-karta bilanċjali għandha tistabbilixxi, timmaniġġja u tippresjedi l-kulleġġ fil-livell tal-grupp.

B'deroga mit-tielet subparagrafu, meta l-applikazzjoni tal-kriterji msemmija f'dak is-subparagrafu ma tkunx xierqa, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw bi qbil komuni għal dawk il-kriterji u jaħtru awtorità kompetenti ta' CSD differenti biex timmaniġġja u tippresjedi l-kulleġġ, b'kont meħud tas-CSD ikkonċernat u l-importanza relattiva tal-attivitajiet tagħhom fl-Istati Membri rilevanti. F'każijiet bħal dawn, is-CSD prinċipali jew is-CSD bl-akbar total fil-karta tal-bilanċ għandu, kif applikabbli, ikollu d-dritt li jinstema', qabel ma l-awtoritajiet kompetenti jieħdu d-deċiżjoni.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-ESMA mingħajr dewmien bi kwalunkwe ftehim li jkun sar skont ir-raba' subparagrafu.

2. Il-kulleġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jikkonsisti:

(a) mill-ESMA;

(b) mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tas-CSD;

(c) mill-awtoritajiet rilevanti msemmija fl-Artikolu 12;

(d) fil-każ ta' kulleġġ ta' passaportar, mill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri ospitanti;

(e) fil-każ ta' kulleġġ fil-livell tal-grupp, mill-awtorità kompetenti u l-awtoritajiet rilevanti ta' kull CSD fil-grupp;

(f) mill-EBA, fejn CSD ikun ġie awtorizzat skont l-Artikolu 54(3).

3. Meta CSD soġġett għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 23(3) sa (7) ikun ukoll parti minn grupp li jinkludi żewġ CSD jew aktar u l-awtorità kompetenti tiegħu tkun il-President tal-kulleġġ fil-livell tal-grupp, dik l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li għandu jiġi stabbilit kulleġġ wieħed biss għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), ta' dan l-Artikolu għal dak is-CSD. Meta kwalunkwe wieħed mis-CSDs l-oħra fi ħdan il-grupp ikun soġġett ukoll għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 23(3) sa (7), il-President tal-kulleġġ jista' jieħu dik id-deċiżjoni biss bil-qbil tal-awtoritajiet kompetenti ta' dawk is-CSDs.

Meta kulleġġ stabbilit skont l-ewwel subparagrafu:

(a) jiltaqa' għall-eżerċitar tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 6, il-punti (a) sa (d), ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) sa (f) ta' dan l-Artikolu fir-rigward ta' kull CSD fil-grupp għandhom jipparteċipaw f'dik il-laqgħa tal-kulleġġ;

(b) jiltaqa' għall-eżerċitar tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 6, il-punt (e), ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a), (b), (c), (e) u, fejn applikabbli, (f) ta' dan l-Artikolu biss għandhom jipparteċipaw f'dik il-laqgħa tal-kulleġġ.

4. Il-President għandu jinnotifika l-kompożizzjoni tal-kulleġġ lill-ESMA fi żmien 30 jum kalendarju mill-istabbiliment tal-kulleġġ u kwalunkwe bidla fil-kompożizzjoni tiegħu fi żmien 30 jum kalendarju minn dik il-bidla. L-ESMA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha mingħajr dewmien żejjed il-lista tal-membri ta' dak il-kulleġġ u għandha żżomm dik il-lista aġġornata.

5. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li mhuwiex membru tal-kulleġġ, tista' titlob mill-kulleġġ kwalunkwe informazzjoni rilevanti għall-qadi tad-dmirijiet superviżorji tagħha.

6. Il-kulleġġ għandu, mingħajr preġudizzju għar-responsabilitajiet tal-awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament, jiżgura:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni, inkluż talbiet għal informazzjoni skont l-Artikoli 13, 14 u 15 u informazzjoni dwar il-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni skont l-Artikolu 22;

(b) superviżjoni aktar effiċjenti billi jiġu evitati azzjonijiet superviżorji duplikati bla bżonn, bħal talbiet għal informazzjoni;

(c) ftehim dwar kif jiġu fdati b'mod volontarju l-kompiti fost il-membri tiegħu.

(d) fil-każ ta' kulleġġ ta' passaportar, il-kooperazzjoni tal-Istat Membru ta' domiċilju u dak ospitanti skont l-Artikolu 24 u fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 23(4), il-punt (e) u dwar kwalunkwe kwistjoni li wieħed jiltaqa' magħha fil-forniment ta' servizzi fi Stati Membri oħra;

(e) fil-każ ta' kulleġġ fil-livell tal-grupp, l-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-riżorsi kondiviżi u l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni fis-seħħ fi ħdan grupp ta' CSD skont l-Artikolu 19, dwar bidliet sinifikanti fl-istruttura u fis-sjieda tal-grupp, u dwar il-bidliet fl-organizzazzjoni, fil-maniġment superjuri, fil-proċessi jew fl-arranġamenti fejn dawk il-bidliet ikollhom impatt sinifikanti fuq il-governanza jew il-ġestjoni tar-riskju għas-CSD li jappartjeni għall-grupp.

Il-President għandu jsejjaħ laqgħa tal-kulleġġ mill-inqas darba fis-sena.

Sabiex jiġi ffaċilitat it-twettiq tal-kompiti assenjati lill-kulleġġi skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-membri tal-kulleġġ imsemmija fil-paragrafu 2 jistgħu jżidu punti mal-aġenda ta' laqgħa.

7. L-istabbiliment u l-funzjonament tal-kulleġġ għandu jkun ibbażat fuq ftehim bil-miktub bejn il-membri kollha tiegħu.

Dak il-ftehim għandu jiddetermina l-arranġamenti prattiċi għall-funzjonament tal-kulleġġ, inklużi l-modalitajiet tal-komunikazzjoni fost il-membri tal-kulleġġ, u jista' jiddetermina l-kompiti fdati lill-awtorità kompetenti tas-CSD jew lil membru ieħor tal-kulleġġ.

8. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-arranġamenti prattiċi msemmija fil-paragrafu 7.

L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [*PO jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(10) l-Artikolu 25 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. CSD ta' pajjiż terz li jkollu l-ħsieb li jipprovdi s-servizz ewlieni msemmi fil-punt (3) tat-Taqsima A tal-Anness fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru msemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 49(1), għandu jissottometti notifika lill-ESMA.";

(b) fil-paragrafu 6, il-ħames subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fi żmien sitt xhur mill-preżentazzjoni ta' applikazzjoni kompluta jew mill-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ekwivalenza mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 9, skont liema minnhom jiġi l-aħħar, l-ESMA għandha tinforma lis-CSD applikant bil-miktub b'deċiżjoni motivata bis-sħiħ jekk ir-rikonoxximent ikunx ingħata jew ġiex miċħud.";

(c) ġie miżjud il-paragrafu 13 li ġej:

"13. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-informazzjoni li s-CSD ta' pajjiż terz għandu jipprovdi lill-ESMA fin-notifika msemmija fil-paragrafu 2a. Tali informazzjoni għandha tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ, inkluż, fejn applikabbli u disponibbli:

(a) l-għadd ta' parteċipanti tal-Unjoni li lilhom is-CSD ta' pajjiż terz jipprovdi s-servizzi msemmija fil-paragrafu 2a;

(b) l-għadd u l-volum ta' tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru saldati matul is-sena preċedenti;

(c) l-għadd u l-volum ta' tranżazzjonijiet saldati mill-parteċipanti tal-Unjoni matul is-sena preċedenti.

L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [*PO jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(11) fl-Artikolu 27, jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. Għall-finijiet tal-paragrafi 2 u 3, membru indipendenti tal-korp maniġerjali tfisser membru tal-korp maniġerjali li ma għandu l-ebda negozju, familja jew relazzjoni oħra li tqajjem kunflitt ta' interess fir-rigward tas-CSD ikkonċernat jew l-azzjonisti li għandhom kontroll tiegħu jew il-maniġment jew il-parteċipanti tiegħu, u li ma kellu ebda relazzjoni bħal din matul il-ħames snin qabel is-sħubija tiegħu fil-bord;"

(12) fl-Artikolu 28, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-kumitati tal-utenti għandhom jagħtu pariri lill-korp maniġerjali fuq arranġamenti ewlenin li jħallu impatt fuq il-membri tagħhom, inklużi l-kriterji għall-aċċettazzjoni tal-emittenti jew tal-parteċipanti fis-sistemi ta' saldu tat-titoli rispettivi tagħhom u fuq il-livell tas-servizz, li jinkludi l-għażla ta' arranġament ta' kklerjar u saldu, l-istruttura operattiva tas-CSD, l-ambitu tal-prodotti saldati jew irreġistrati, u l-użu ta' teknoloġija u proċeduri għall-operazzjonijiet tas-CSD.";

(13) l-Artikolu 36 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 36*

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

Għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li huwa jopera, CSD għandu jkollu r-regoli u l-proċeduri adatti, inklużi prattiki u kontrolli robusti ta' kontabbiltà sabiex jgħin jiżgura l-integrità tal-ħruġ ta' titoli, u jimminimizza u jimmaniġġja r-riskji assoċjati mal-kustodja u s-saldu ta' transazzjonijiet fit-titoli.";

(14) fl-Artikolu 40, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Meta ma jkunx prattiku u disponibbli li jsir saldu f'kontijiet tal-bank ċentrali kif previst fil-paragrafu 1, CSD jista' joffri li jħallas il-pagamenti fi flus għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu jew parti minnhom permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjoni ta' kreditu, permezz ta' CSD li huwa awtorizzat jipprovdi s-servizzi elenkati fit-Taqsima C tal-Anness, kemm jekk fl-istess grupp ta' impriżi li fl-aħħar mill-aħħar huma kkontrollati mill-istess impriża prinċipali kif ukoll jekk le, jew permezz tal-kontijiet proprji tiegħu. Jekk CSD joffri li jsalda f'kontijiet miftuħa ma' istituzzjoni ta' kreditu jew permezz ta' kontijiet proprji, għandu jagħmel dan skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV.";

(15) fl-Artikolu 49(1), it-tieni u t-tielet subparagrafi jiġu sostitwiti b'li ġej:

"Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-emittent imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-liġi korporattiva jew liġi simili tal-Istat Membru li taħtu huma kostitwiti t-titoli għandha tibqa' tapplika. Il-liġi korporattiva jew simili tal-Istat Membru li taħtu huma kkostitwiti t-titoli tinkludi:

(a) il-liġi korporattiva jew dik simili tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-emittent; u

(b) il-liġi korporattiva regolatorja jew dik simili li taħtha jinħarġu t-titoli.

L-Istati Membri għandhom jiġbru lista ta' dispożizzjonijiet rilevanti ewlenin tal-liġi tagħhom, kif imsemmi fit-tieni subparagrafu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw dik il-lista lill-ESMA sat-18 ta' Diċembru 2014. L-ESMA għandha tippubblika l-lista sat-18 ta' Jannar 2015. L-Istati Membri għandhom jaġġornaw dik il-lista regolarment u tal-anqas kull sentejn. Huma għandhom jikkomunikaw il-lista aġġornata f'dawk l-intervalli regolari lill-ESMA. L-ESMA għandha tippubblika l-lista aġġornata.";

(16) fl-Artikolu 52, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta CSD jippreżenta talba għal aċċess lil CSD ieħor skont l-Artikoli 50 u 51, is-CSD riċeventi għandu jittratta din it-talba minnufih u għandu jipprovdi tweġiba lis-CSD li jagħmel it-talba fi żmien tliet xhur. Jekk is-CSD riċeventi jaqbel mat-talba, ir-rabta għandha tiġi implimentata fi żmien raġonevoli, iżda mhux aktar tard minn 12-il xahar.";

(17) l-Artikolu 54 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) li jaħtar għal dak il-għan istituzzjoni ta' kreditu waħda jew aktar awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/36/UE jew CSD awtorizzat li jipprovdi servizzi anċillari tat-tip bankarju skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu".

(b) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu huwa emendat b'dan li ġej:

(i) il-formulazzjoni introduttorja hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Meta CSD ifittex li jaħtar istituzzjoni ta' kreditu jew li juża CSD li jkun awtorizzat skont il-paragrafu 3 biex jipprovdi kwalunkwe servizz anċillari tat-tip bankarju minn entità ġuridika separata, li jista' jkun parti mill-grupp li għalih jappartjeni s-CSD preċedenti, kemm jekk fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollat mill-istess impriża prinċipali kif ukoll jekk le, l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tingħata biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:";

(iii) jitħassar il-punt (c);

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-paragrafu 4 ma għandux japplika għall-istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), li joffru li jsaldu l-pagamenti fi flus għal parti mis-sistema ta' saldu tat-titoli tas-CSD, jekk il-valur totali ta' tali saldu fi flus permezz ta' kontijiet miftuħa ma' dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu ma jaqbiżx ammont massimu kkalkolat fuq perjodu ta' sena. Dak il-limitu għandu jiġi ddeterminat skont il-paragrafu 9.

L-awtorità kompetenti għandha tara li, tal-anqas darba fis-sena, l-limitu msemmi fl-ewwel subparagrafu jiġi rispettat u għandha tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-ESMA, lis-SEBĊ u lill-EBA. Meta l-awtorità kompetenti tiddetermina li jkun inqabeż il-limitu, għandha titlob lis-CSD sabiex ifittex awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 4. Is-CSD kkonċernat għandu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għal awtorizzazzjoni fi żmien sitt xhur.";

(d) ġie miżjud il-paragrafu 9 li ġej:

"9. L-EBA għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u mal-membri tas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddetermina l-ammont massimu msemmi fil-paragrafu 5, b'kont meħud tal-ħtieġa li jiġu bbilanċjati r-riskji ta' kreditu u ta' likwidità għas-CSD li jirriżultaw mis-saldu ta' pagamenti fi flus permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-ħtieġa li s-CSD jitħalla jagħmel saldu f'muniti barranin permezz ta' kontijiet miftuħa ma' tali istituzzjonijiet ta' kreditu. Meta tiżviluppa dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, l-EBA għandha tiddetermina wkoll, fejn meħtieġ, kwalunkwe ġestjoni xierqa tar-riskju u rekwiżiti ta' mitigazzjoni prudenzjali li jakkumpanjaw.

L-EBA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [*PO jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.";

(18) fl-Artikolu 55(5), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 4, il-punti (a) sa (e), għandhom joħorġu opinjoni motivata dwar l-awtorizzazzjoni fi żmien xahrejn minn meta jirċievu t-tagħrif msemmi f'dak il-paragrafu. Meta awtorità ma tagħtix opinjoni sa dik l-iskadenza, hija għandha titqies li għandha opinjoni pożittiva.";

(19) l-Artikolu 59 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punti (c), (d) u (e) huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"(c) għandha żżomm riżorsi ta' likwidità kwalifikanti biżżejjed fil-muniti rilevanti kollha għall-forniment ta' servizzi ta' saldu f'waqthom taħt firxa wiesgħa ta' possibbiltajiet potenzjali ta' stress inkluż ir-riskju tal-likwidità ġġenerat mill-inadempjenza ta' mill-anqas żewġ parteċipanti, inklużi l-impriżi prinċipali u s-sussidjarji tagħha, li hija tkun esposta l-aktar għalihom;

(d) għandha timmitiga r-riskji ta' likwidità korrispondenti b'riżorsi ta' likwidità kwalifikanti f'kull munita rilevanti bħal flus kontanti fil-bank ċentrali tal-ħruġ u f'istituzzjonijiet finanzjarji li jgawdu affidabbiltà kreditizja oħrajn, linji ta' kreditu marbutin jew arranġamenti simili u kollateral jew investimenti likwidi ħafna li jkunu disponibbli minnufih u li jistgħu jiġu konvertiti fi flus kontanti permezz ta' arranġamenti minn qabel u arranġamenti għal finanzjament affidabbli ħafna, anke

f'kundizzjonijiet tas-suq estremi iżda plawsibbli u għandha tidentifika, tkejjel u twettaq monitoraġġ tar-riskju tal-likwidità tagħha li jiġi mid-diversi istituzzjonijiet finanzjarji użati għall-ġestjoni tar-riskji ta' likwidità tagħha;

(e) meta jintużaw arranġamenti ta' finanzjament prestabbiliti u affidabbli ħafna, linji impenjati ta' kreditu jew arranġamenti simili, hija għandha tagħżel biss istituzzjonijiet finanzjarji b'affidabbiltà kreditizja bħala fornituri ta' likwidità; għandha tistabbilixxi u tapplika limiti ta' konċentrazzjoni xierqa għal kull wieħed mill-fornituri ta' likwidità korrispondenti inkluż l-impriża prinċipali u s-sussidjarji tagħha;";

(ii) il-punt (i) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(i) għandu jkollu arranġamenti prestabbiliti u affidabbli ħafna biex jiżgura li jista' jikkonverti fil-ħin il-kollateral ipprovdut lilu minn klijent inadempjenti fi flus u fejn jintużaw arranġamenti mhux impenjati, jistabbilixxi li kwalunkwe riskju potenzjali assoċjat ġie identifikat u mmitigat;";

(iii) jiżdied il-punt (k) li ġej:

"(k) għandu jimmonitorja u jimmaniġġja b'mod adegwat kwalunkwe riskju, inklużi arranġamenti ta' netting rilevanti fir-rigward tal-komponent ta' flus tal-mudell ta' saldu applikat tiegħu.";

(b) fil-paragrafu 5, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

L-EBA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [*PO jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].";

(20) l-Artikolu 60 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jivvalutaw regolarment, u tal-inqas darba fis-sena, jekk l-istituzzjoni ta' kreditu nominata jew is-CSD awtorizzat biex jipprovdi servizzi anċillari tat-tip bankarju jikkonformawx mal-Artikolu 59 u għandhom jgħarrfu lill-awtorità kompetenti tas-CSD li għandha mbagħad tgħarraf lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 55(4) u, fejn applikabbli, il-kulleġġi msemmija fl-Artikolu 24a, bir-riżultati, inkluż bi kwalunkwe azzjoni ta' rimedju jew penali, tas-superviżjoni tagħha skont dan il-paragrafu.";

(b) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B'mod regolari u tal-anqas darba f'sena, l-awtorità kompetenti tas-CSD għandha tgħarraf lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 55(4) u, fejn applikabbli, il-kulleġġi msemmija fl-Artikolu 24a, dwar ir-riżultati, inkluż kwalunkwe azzjoni ta' rimedju jew penali, bl-eżami u l-evalwazzjoni tagħha skont dan il-paragrafu.";

(21) l-Artikolu 67 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 7(14a), 24a(8), 25(13) u 54(9) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [*PO jekk jogħġbok id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 2(2), 7(14), 24(7), 7(14a), 24a(8), 25(13) u 54(9) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni tar-revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.";

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 2(2), 7(14), 24(7), 7(14a), 24a(8), 25(13) u 54(9) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu t-tnejn li huma informaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(22) fl-Artikolu 68, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.";

(23) l-Artikolu 69 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Ir-regoli nazzjonali dwar l-awtorizzazzjoni tas-CSD għandhom ikomplu japplikaw sad-data li ġejja, skont liema minnhom tiġi l-ewwel:

(a) id-data meta tittieħed deċiżjoni skont dan ir-Regolament dwar l-awtorizzazzjoni tas-CSD u tal-attivitajiet tagħhom, inklużi l-konnessjonijiet tas-CSD; jew

(b) ... [*PO jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 4a, 4b u 4c li ġejjin:

"4a. Ir-regoli nazzjonali dwar ir-rikonoxximent tas-CSDs ta' pajjiżi terzi għandhom ikomplu japplikaw sad-data li ġejja, skont liema minnhom tiġi l-ewwel:

(a) id-data meta tittieħed deċiżjoni skont dan ir-Regolament dwar ir-rikonoxximent tas-CSDs rispettivi ta' pajjiżi terzi u tal-attivitajiet tagħhom; jew

(b) ... [*PO jekk jogħġbok daħħal id-data = tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

CSD ta' pajjiż terz li jipprovdi s-servizzi ewlenin imsemmija fit-Taqsima A, il-punti (1) u (2), tal-Anness fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru msemmi fl-Artikolu 49(1), it-tieni subparagrafu skont ir-regoli nazzjonali applikabbli dwar ir-rikonoxximent ta' CSD ta' pajjiż terz għandu jissottometti notifika lill-ESMA fi żmien sentejn minn *[PO jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*

L-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-informazzjoni li s-CSD ta' pajjiż terz għandu jipprovdi lill-ESMA fin-notifika msemmija fit-tieni subparagrafu. Tali informazzjoni għandha tkun limitata għal dak li huwa strettament meħtieġ, inkluż, fejn applikabbli u disponibbli:

(a) l-għadd ta' parteċipanti li lilhom is-CSD ta' pajjiż terz jipprovdi s-servizzi msemmija fit-tieni subparagrafu;

(b) il-kategoriji ta' strumenti finanzjarji li fir-rigward tagħhom is-CSD ta' pajjiż terz jipprovdi tali servizzi; u

(c) l-volum u l-valur totali ta' tali strumenti finanzjarji.

L-ESMA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [*PO jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4b. CSD ta' pajjiż terz li pprovda s-servizz ewlieni msemmi fit-Taqsima A, il-punt (3), tal-Anness fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru msemmi fl-Artikolu 49(1), qabel … [*PO jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] għandu jissottometti n-notifika msemmija fl-Artikolu 25(2a) fi żmien sentejn minn …*[PO jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*

4c. Meta CSD ikun ippreżenta applikazzjoni kompluta għar-rikonoxximent skont l-Artikolu 25(4), (5) u (6) qabel …*[PO jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] iżda l-ESMA ma tkunx ħarġet deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 25(6) sa dik id-data, ir-regoli nazzjonali dwar ir-rikonoxximent tas-CSD għandhom ikomplu japplikaw sakemm tinħareġ id-deċiżjoni tal-ESMA.";

(c) ġie miżjud il-paragrafu 6 li ġej:

"6. L-awtoritajiet kompetenti ta' domiċilju għandhom jistabbilixxu u jimmaniġġjaw il-kulleġġi skont l-Artikolu 24a għas-CSD kollha li jipprovdu s-servizzi tagħhom fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji kkostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 23(2) qabel … [PO jekk jogħġbok daħħal id-*data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] jew għal CSD li jappartjeni għal grupp li jinkludi lil

CSD ieħor sa …*[PO jekk jogħġbok daħħal id-data = erba' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].";

(24) l-Artikolu 74 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-formulazzjoni introduttorja hija ssostitwita b'dan li ġej:

"L-ESMA għandha, f'kooperazzjoni mal-EBA u mal-awtoritajiet kompetenti u mal-awtoritajiet rilevanti, tissottometti rapporti lill-Kummissjoni li jipprovdu valutazzjonijiet tax-xejriet, riskji potenzjali u l-vulnerabbiltajiet, u fejn meħtieġ, rakkomandazzjonijiet għal azzjoni preventiva u ta' rimedju fis-swieq tas-servizzi koperti minn dan ir-Regolament. Dawk ir-rapporti għandhom jinkludu tal-anqas valutazzjoni ta' li ġej:";

(ii) il-punt (a) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-effiċjenza tas-saldu għal operazzjonijiet domestiċi u transfruntiera għal kull Stat Membru abbażi tal-għadd u l-volum ta' nuqqas ta' saldu u l-evoluzzjoni tagħhom, inkluż analiżi tal-impatt tal-penali fi flus fuq in-nuqqas ta' saldu bejn l-istrumenti, id-durata u l-fatturi ewlenin tan-nuqqas ta' saldu, il-kategoriji ta' strumenti u swieq finanzjarji fejn jiġu osservati l-ogħla rati ta' nuqqas ta' saldu u tqabbil internazzjonali tar-rati ta' nuqqas ta' saldu, inkluż valutazzjoni tal-ammont ta' penali msemmija fl-Artikolu 7(2), u, fejn applikabbli, l-għadd u l-volumi ta' tranżazzjonijiet ta' xiri sfurzat imsemmija fl-Artikolu 7(3) u (4) kif ukoll kwalunkwe kriterju rilevanti ieħor;";

(iii) jiżdied il-punt (l) li ġej:

"(l) it-trattament tan-notifiki ppreżentati f'konformità mal-Artikolu 25(2a);";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni kif ġej:

(a) mill-inqas kull sentejn minn …*[PO jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] għar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a);

(b) kull sentejn għar-rapporti msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c);

(c) fuq bażi annwali sa … [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull tliet snin minn …[PO jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], għar-rapporti msemmija fil-paragrafu 1, fil-punti (d) u (f);

(d) fuq talba tal-Kummissjoni, għar-rapporti msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (e), (h), (j) u (k);

(e) fuq bażi annwali sa … [PO jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull sentejn minn …[PO jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], għar-rapporti msemmija fil-paragrafu 1, fil-punti (i) u (l);";

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni sat-30 ta' April tas-sena rilevanti kif iddeterminat f'konformità mal-perjodiċità stabbilita fil-paragrafu 1a.";

(25) l-Artikolu 75 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 75*

**Rieżami**

Sa …*[PO jekk jogħġbok daħħal id-data = ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tħejji rapport ġenerali dwar dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu, b'mod partikolari, jivvaluta l-kwistjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (l) tal-Artikolu 74(1), jistabbilixxi jekk hemmx ostakli sostantivi għall-kompetizzjoni fir-rigward tas-servizzi soġġetti għal dan ir-Regolament li ma humiex indirizzati biżżejjed u jistabbilixxi l-ħtieġa potenzjali li jiġu applikati miżuri ulterjuri biex:

(a) itejbu l-effiċjenza tas-saldu;

(b) jillimitaw l-impatt fuq il-kontribwenti tal-falliment tas-CSDs;

(c) jimminimizzaw l-ostakli għas-saldu transfruntier;

(d) jiżguraw setgħat u informazzjoni adegwati għall-awtoritajiet biex jimmonitorjaw ir-riskji.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' kwalunkwe proposta adatta.";

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, l-Artikolu 1, il-punt (2)(a), il-punt (9), il-punt (10)(a), il-punt (17)(c), il-punt (19)(a) u l-punt (23)(b), it-tieni subparagrafu, għandhom japplikaw minn …. [*PO jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

### 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

### 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

### 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija ta' riskju ta' żball (mal-ħlas u mal-għeluq)*

**2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

**3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i**

**3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet**

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

**3.3. Impatt stmat fuq id-dħul**

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012.

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Suq Intern – Servizzi Finanzjarji.

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

**☒azzjoni ġdida**

**☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[44]**

**☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

**☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

Tikkontribwixxi għal suq intern aktar profond u aktar ġust – toħloq suq aktar effiċjenti u stabbli għas-saldu fl-UE.

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Objettiv speċifiku Nru

Din il-proposta għandha l-objettivi speċifiċi li ġejjin biex jinkisbu l-objettivi ġenerali għas-suq intern tal-UE għas-servizzi tas-CSD:

- Tnaqqas il-piż amministrattiv u l-kostijiet tal-konformità, mingħajr ma tipperikola l-istabbiltà finanzjarja;
- Timminimizza l-ostakli għas-saldu transfruntier;
- Tiżgura setgħat u informazzjoni adegwati għall-monitoraġġ tar-riskji.

Riżultat(i) u impatt mistennija

44 Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

| |
|---|
| Il-proposta għandha l-għan li jkun hemm regoli aktar proporzjonati fil-qasam tal-passportar, id-dixxiplina tas-saldu kif ukoll fil-qasam tas-servizzi bankarji sabiex l-atturi tas-suq ikunu jistgħu jibbenefikaw minn forniment transfruntier imtejjeb ta' servizzi, eż. fil-qasam tas-saldu tal-muniti barranin u superviżjoni aktar proporzjonata, eż. kulleġġi, is-superviżjoni ta' pajjiżi terzi kif ukoll il-kooperazzjoni superviżorja. |

### 1.4.3. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

| |
|---|
| Għal kull objettiv speċifiku ġew stabbiliti l-indikaturi tal-prestazzjoni li ġejjin.<br><br><u>It-tnaqqis tal-piż amministrattiv u tal-kostijiet ta' konformità (mill-ESMA):</u><br><br>- Rati tal-effiċjenza tas-saldu tal-UE.<br><br>- Durata medja (nru ta' jiem) tan-nuqqasijiet ta' saldu.<br><br>- Għadd ta' CSDs li jipprovdu servizzi transfruntieri, li jistgħu jaċċessaw servizzi bankarji, jipprovdu saldu f'munita barranija, li jistgħu jużaw l-eċċezzjoni taħt il-limitu.<br><br>- Għadd ta' pajjiżi li fihom is-CSD jipprovdu servizzi transfruntieri.<br><br><u>L-imminimizzar tal-ostakli għas-saldu transfruntier (mill-ESMA, mis-SEBĊ, mis-CSDs):</u><br><br>- Għadd ta' CSDs li jipprovdu servizzi transfruntieri, li jistgħu jaċċessaw servizzi bankarji, jipprovdu saldu f'munita barranija, li jistgħu jużaw l-eċċezzjoni taħt il-limitu.<br><br>- Għadd ta' pajjiżi li fihom is-CSD jipprovdu servizzi transfruntieri.<br><br>- Tkabbir tas-saldu f'munita barranija.<br><br><u>L-iżgurar tas-setgħat u l-informazzjoni adegwati għall-monitoraġġ tar-riskji (mill-ESMA):</u><br><br>- Għadd ta' CSDs ta' pajjiżi terzi li applikaw għar-rikonoxximent.<br><br>- Għadd ta' kulleġġi stabbiliti mis-CSD tal-UE. |

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

### 1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

| |
|---|
| L-evalwazzjoni tas-CSDR wara madwar ħames snin wara l-introduzzjoni tagħha fl-2014 żvelat li għalkemm is-saldu żdied b'mod sinifikanti fl-UE, is-saldu transfruntier esperjenza tkabbir relattivament aktar bil-mod, l-aktar minħabba saldu subottimali |

tal-munita barranija u b'xi mod ieħor rekwiżiti restrittivi. Barra minn hekk, l-għodod u l-possibbiltajiet superviżorji jenħtieġ li jżommu l-pass mar-riskji fis-suq tal-UE, bħas-CSDs ta' pajjiżi terzi li sal-lum jibbenefika mill-anterjorità mir-rekwiżit ta' rikonoxximent.

Bl-implimentazzjoni ta' din il-proposta inkluż l-iżvilupp ulterjuri potenzjali tagħha fil-livell 2, ir-rekwiżiti prinċipalment aktar proporzjonati huma mistennija li jiġu assorbiti kemm mill-komunità superviżorja kif ukoll mis-suq madwar sena wara ftehim mill-koleġiżlaturi u d-dħul fis-seħħ tiegħu.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*)

Is-suq tas-saldu tal-UE huwa parti inseparabbli mis-suq finanzjarju tal-UE. Bħala tali, l-azzjoni tal-UE jenħtieġ li tiżgura li r-rekwiżiti regolatorji tas-CSDR ikunu aktar effettivi, effiċjenti u proporzjonati, jiġu applikati b'mod uniformi, u tiggarantixxi qafas regolatorju sod u konsistenti għas-saldu tat-titoli fl-UE u l-operazzjonijiet tas-CSDs. Is-suq tas-saldu tal-UE huwa, flimkien mas-suq finanzjarju tal-UE, pedament essenzjali għall-iżvilupp tas-CMU kif ukoll biex jiġi żgurat suq uniku sikur u effiċjenti għas-servizzi finanzjarji.

Valur miżjud tal-Unjoni li mistenni jkun iġġenerat (*ex post*)

L-objettivi tas-CSDR, jiġifieri li jiġu stabbiliti rekwiżiti uniformi għas-saldu ta' strumenti finanzjarji fl-UE u regoli dwar l-organizzazzjoni u t-tmexxija tas-CSD, biex jiġi promoss saldu sikur, effiċjenti u bla xkiel huma element essenzjali għall-bini ta' suq intern finanzjarju tal-UE ta' suċċess, diġà minħabba l-komponent transfruntier. L-Istati Membri u s-superviżuri nazzjonali ma jistgħux isolvu waħedhom il-promozzjoni jew l-iffaċilitar tas-saldu transfruntier, u wisq inqas il-qafas għas-CSDs ta' pajjiżi terzi. Il-Pjan ta' Azzjoni tas-CMU tal-2020 irrikonoxxa b'mod espliċitu li l-emendar tas-CSDR jista' jgħin fl-iżvilupp ta' xenarju ta' wara n-negozjar aktar integrat fl-UE u b'hekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-CMU.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Din il-proposta tqis l-esperjenzi minn pakketti leġiżlattivi simili oħrajn fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Pereżempju, il-passportar huwa suġġett magħruf u ttestjat tajjeb f'oqsma oħra ta' servizzi finanzjarji. Bl-istess mod, ir-reġimi ta' pajjiżi terzi huma wkoll fis-seħħ f'oqsma oħra ta' servizzi finanzjarji kif inhuma wkoll il-kulleġġi tas-superviżuri; dawn l-esperjenzi tal-passat jitqiesu fit-tfassil tar-rekwiżiti proposti l-ġodda.

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

| |
|---|
| Din il-proposta u r-rekwiżiti speċifiċi tagħha huma konformi mal-arranġamenti attwali għas-servizzi finanzjarji fi ħdan il-QFP u huma allinjati ma' prattiki standard biex il-baġit tal-UE jaħdem u f'konformità mal-prattiki attwali tad-DĠ FISMA fl-ippjanar u fl-iffissar tal-baġit għal proposti ġodda.<br><br>Barra minn hekk, dawn l-objettivi tal-inizjattiva huma konsistenti ma' għadd ta' politiki u inizjattivi li għaddejjin tal-UE li għandhom l-għan li: (i) jiżviluppaw is-CMU u (ii) itejbu l-effiċjenza u l-effettività tal-koordinazzjoni superviżorja fil-livell tal-UE, kemm fl-UE kif ukoll barra minnha.<br><br>L-ewwel nett, hija konsistenti mal-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni biex tkompli tiġi żviluppata l-Unjoni tas-Swieq Kapitali ("CMU"). Iktar konverġenza superviżorja tas-swieq tas-saldu fil-livell tal-UE tista' tappoġġa l-iżvilupp ta' swieq tal-kapital aktar fondi u aktar integrati, minħabba li CSDs aktar effiċjenti u reżiljenti huma elementi essenzjali biex l-Unjoni tas-Swieq Kapitali taħdem sew. L-urġenza għal iktar żvilupp u integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-UE ġiet enfasizzata fil-Pjan ta' Azzjoni dwar is-CMU ta' Settembru 2020. Min-naħa l-oħra, la jitfaċċaw swieq finanzjarji ikbar u aktar likwidi li huma implikati mis-CMU, dan iwassal biex ikun hemm aktar tranżazzjonijiet li jiġu saldati permezz ta' CSDs, u se jkompli jżid ir-rilevanza sistemika tagħhom. Minħabba l-potenzjal għal żieda fil-volumi, huwa meħtieġ aktar titjib tal-qafas superviżorju sabiex tiġi żgurata CMU b'saħħitha u stabbli.<br><br>Barra minn hekk, huwa konsistenti mal-Azzjoni 16 tal-Pjan ta' Azzjoni tas-CMU tal-2020 li ssottolinja li l-Kummissjoni se taħdem lejn ġabra unika ta' regoli msaħħa għas-swieq kapitali billi tivvaluta l-ħtieġa għal aktar armonizzazzjoni tar-regoli tal-UE u l-monitoraġġ tal-progress lejn il-konverġenza superviżorja filwaqt li tinnota li l-Kummissjoni tista' tikkunsidra li tipproponi, fost l-oħrajn, miżuri għal koordinazzjoni superviżorja aktar b'saħħitha mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej.<br><br>.<br><br>It-tielet, hija konsistenti mal-politika ta' ekwivalenza tal-Kummissjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2019 dwar l-ekwivalenza fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. . |

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

| |
|---|
| M/A |

## 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[45]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☒ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

---

[45] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| M/A |

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

| |
|---|
| F'konformità mal-arranġamenti eżistenti, l-ESMA tħejji rapporti regolari dwar l-attività tagħha (inklużi r-rapportar intern lill-Maniġment Superjuri, ir-rapportar tal-MB, ir-rapportar dwar is-sitt xhur ta' attività lill-Bord tas-Superviżuri u l-produzzjoni tar-rapport annwali), u tiġi sottomessa għal awditi mill-Qorti tal-Awdituri u mis-Servizz tal-Awditjar Intern dwar l-użu tar-riżorsi tagħha. Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-azzjonijiet proposti preżentament se jikkonformaw mal-istess rekwiżiti eżistenti. |

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

| |
|---|
| B'rabta mal-użu ġuridiku, ekonomiku, effiċjenti u effettiv tal-approprjazzjonijiet li jirriżultaw mill-proposta, huwa mistenni li l-proposta ma toħloqx riskji sinifikanti ġodda li ma jkunux koperti minn qafas ta' kontroll intern eżistenti. |

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

| |
|---|
| Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, kif previsti fir-Regolamenti dwar l-ESMA, huma diġà implimentati. L-ESMA taħdem mill-qrib mas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-istandards adegwati jiġu ssodisfati fl-oqsma kollha ta' kontroll intern. Dawn l-arranġamenti se japplikaw ukoll fir-rigward tar-rwol tal-ESMA f'konformità mal-proposta preżenti. Rapporti annwali tal-awditu intern jintbagħtu lill-Kummissjoni, lill-Parlament u lill-Kunsill. |

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija ta' riskju ta' żball (mal-ħlas u mal-għeluq)*

| |
|---|
| M/A |

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għandhom japplikaw għall-ESMA mingħajr restrizzjonijiet.

L-ESMA taċċedi għall-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-

Komunitajiet Ewropej dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u għandha tadotta minnufih dispożizzjonijiet xierqa għall-persunal kollu tal-ESMA.

Id-deċiżjonijiet ta' finanzjament u l-ftehimiet u l-istrumenti ta' implimentazzjoni li jirriżultaw minnhom għandhom jistipulaw espliċitament li l-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF jistgħu, jekk ikun hemm bżonn, iwettqu verifiki fuq il-post fuq il-benefiċjarji ta' flejjes żborzati mill-ESMA kif ukoll fuq il-persunal responsabbli mill-allokazzjoni ta' dawn il-flejjes.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff.[46]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[47] | mill-pajjiżi kandidati[48] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | mill-pajjiżi kandidati | mill-pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | [XX.YY.YY.YY] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

46 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
47 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
48 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

### 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

#### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Numru | |
|---|---|---|

| DĠ: <…….> | | | Sena N[49] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | |
| Linja baġitarja[50] | Impenji | (1a) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2a) | | | | | | | | |
| Linja baġitarja | Impenji | (1b) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2b) | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[51] | | | | | | | | | | |
| Linja baġitarja | | (3) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet** | Impenji | =1a+1b | | | | | | | | |

49 Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

50 Skont in-nomenklatura tal-baġit uffiċjali.

51 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **għad-DĠ <>** | | +3 | | | | | | | | |
| | Pagamenti | =2a+2b<br>+3 | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | | | | |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI skont l-INTESTATURA <….>**<br>tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | | | | | | | |

**<u>Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq:</u>**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha) | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha) | | (6) | | | | | | | | |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI skont l-INTESTATURI 1 sa 6**<br>tal-qafas finanzjarju pluriennali<br>(Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | | | | | | | |

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 7 | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

Jenħtieġ li din it-taqsima timtela billi tintuża d-"*data* baġitarja ta' natura amministrattiva" li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella' fid-DECIDE għall-finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: <…….> | | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | | | | | | | | |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | |
| **TOTAL TAD-DĠ** <…….> | Approprjazzjonijiet | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | | | | | | | | |

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **N**[52] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI** | Impenji | | | | | | | | |

52 Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

| **skont l-INTESTATURI 1 sa 7**<br>tal-qafas finanzjarju pluriennali | Pagamenti | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

### 3.2.2. *Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

Approprjazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** | | | Sena<br>**N** | | Sena<br>**N+1** | | Sena<br>**N+2** | | Sena<br>**N+3** | | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| ⇩ | Tip[53] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru T otali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[54]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

53 L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, l-għadd ta’ kilometri ta’ toroq mibnija, eċċ.).

54 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi…”

### *3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N**[55] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | |
| **Subtotal l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **Barra mill-INTESTATURA 7**[56] **tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | | |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

55 Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

56 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| | | Sena N | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • **Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | | | | | | | |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | | |
| • **Persunal estern (f'unità ta' Ekwivalenti Full-Time: FTE)**[57] | | | | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | | | | | | | |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| **XX** 01 xx **yy zz**[58] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| 01 01 01 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| 01 01 01 12 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | | |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | |
| Persunal estern | |

57 AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

58 Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. Ipprovdi tabella Excel f'każ ta' riprogrammazzjoni kbira.

– ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li għandhom jintużaw.

– ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N**[59] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

[59] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[60] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

60 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.